Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2182(INI)

11.11.2025

EMENDI
1 - 345

Abbozz ta' rapport
Johan Van Overtveldt
(PE778.306v01-00)

Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 2025
(2025/2182(INI))

Emenda 1
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikoli 119, 123(1), 125, 127(1) u (2), 130, 282(2) u 284(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra l-Artikoli 119***,*** ***121***, 123(1), 125, 127(1) u (2), 130, 282(2) u 284(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Or. en

Emenda 2
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-Sensiela ta' Dokumenti Okkażjonali tal-BĊE Nru 376 bit-titolu "Capital requirements: a pillar or a burden for bank competitiveness?" (Rekwiżiti ta' kapital: pilastru jew piż għall-kompetittività bankarja?) tad-9 ta' Ottubru 2025,

Or. en

Emenda 3
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rieżami tal-

Istabbiltà Finanzjarja ta' Mejju 2025,

Or. en

Emenda 4
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tat-30 ta' Ottubru 2025 biex nimxu għall-fażi li jmiss tal-proġett tal-euro diġitali,

Or. en

Emenda 5
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra t-tielet rapport ta' progress dwar il-fażi ta' tħejjija ta' euro diġitali tas-16 ta' Lulju 2025,

Or. en

Emenda 6
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "Progress on the preparation phase of a digital euro - closing report" (Il-progress fil-fażi ta' tħejjija ta' euro diġitali - rapport tal-għeluq) tat-30 ta' Ottubru 2025,

Or. en

Emenda 7
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE (2019/2614(RSP)),

Or. en

Emenda 8
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima,

Or. en

Emenda 9
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-FMI "Navigating the 2022 Inflation Surge" (Nindirizzaw iż-Żieda Qawwija fl-Inflazzjoni tal-2022), Ottubru 2025, Patrick A. Imam, Tigran Poghosyan,

Or. en

Emenda 10
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 "Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima",

Or. en

Emenda 11
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-data dwar l-inflazzjoni annwali tal-HICP fiż-żona tal-euro u d-data dwar it-tkabbir ekonomiku annwali għaż-żona tal-euro (totali tal-

PDG, inkluża ż-żieda ta' pajjiżi ġodda fiż-żona tal-euro) ippruvduta mill-Eurostat,

Or. en

Emenda 12
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra rapport tal-2025 tal-BĊE bit-titolu "Macroeconomic impacts of higher defence spending: a model-based assessment" (Impatti makroekonomiċi ta' nfiq fid-difiża ogħla: valutazzjoni bbażata fuq mudell),

Or. en

Emenda 13
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima,

Or. en

Emenda 14
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-2021 tal-BĊE bit-titolu "The mandate of the ECB: Legal considerations in the ECB's monetary policy strategy review (Il-mandat tal-BĊE: Kunsiderazzjonijiet legali fir-rieżami tal-istrateġija tal-politika monetarja tal-BĊE),

Or. en

Emenda 15
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-aggregati tal-flus M3 ippruvduti mill-BĊE bejn l-2002 u l-2025,

Or. en

Emenda 16
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-BERS dwar l-istablecoins, prodotti ta' kriptoinvestiment u grupp b'bosta funzjonijiet,

Or. en

Emenda 17

Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-djalogu monetarju tal-ECON mal-President tal-BĊE tal-4 ta' Diċembru 2024,

Or. en

Emenda 18
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Perspettiva Ekonomika Dinjija, ir-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja Globali u l-Osservatur Fiskali tal-2024 maħruġ mill-FMI,

Or. en

Emenda 19
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

Or. en

Emenda 20

Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi, skont l-Eurostat, l-inflazzjoni annwali tal-UE kienet ta' ***2,4 % f'Awwissu*** 2025 u l-inflazzjoni taż-żona tal-euro kienet ta' 2,2 % f'Settembru 2025, kif imkejla mill-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP);	A. billi, skont l-Eurostat, l-inflazzjoni annwali tal-UE kienet ta' ***2,6 % f'Settembru*** 2025 u l-inflazzjoni taż-żona tal-euro kienet ta' 2,2 % f'Settembru 2025, kif imkejla mill-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP);

Or. en

Emenda 21
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE nbidlet maż-żmien minn valur ta' referenza ta' "inqas minn 2 %" għal objettiv ta' "inqas minn, iżda qrib it-2 %", għal mira simetrika ta' ***"madwar 2 %"***;	B. billi l-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE nbidlet maż-żmien minn valur ta' referenza ta' "inqas minn 2 %" għal objettiv ta' "inqas minn, iżda qrib it-2 %", għal mira simetrika ta' ***2 % fuq terminu medju***;

Or. en

Emenda 22
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE nbidlet maż-żmien minn valur ta' referenza ta' "inqas minn 2 %" għal objettiv ta' "inqas minn, iżda qrib it-2 %", għal mira simetrika ta' ***"madwar 2 %"***;	B. billi l-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE nbidlet maż-żmien minn valur ta' referenza ta' "inqas minn 2 %" għal objettiv ta' "inqas minn, iżda qrib it-2 %", għal mira simetrika ta' ***2 %***;

Or. en

Emenda 23
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi tqabbil bejn id-data annwali komposta pprovduta mill-Eurostat bl-użu ta' serje ta' żmien itwal u l-bidliet netti kkalkulati speċifikament bejn il-punti tal-bidu u tat-tmiem rispettivi minn varjetà ta' sorsi jindika sottovalutazzjoni sinifikanti u sistematika tal-inflazzjoni annwali (HCIP, żona tal-euro) irrapportata mill-Eurostat u sopravalutazzjoni sistematika iżgħar tat-tkabbir ekonomiku annwali, filwaqt li tali analiżijiet tad-data tas-serje taż-żmien annwali huma statistikament meħtieġa sabiex jiġu identifikati preġudizzji jew żbalji sistematiċi potenzjali, li nkella jkunu inviżibbli f'perjodi ta' żmien iqsar;

Or. en

Emenda 24
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-inflazzjoni tal-ikel fl-UE tippersisti b'impatt negattiv fuq il-benessri taċ-ċittadini tal-UE; billi biex ikollhom l-ikel fuq il-mejda, il-konsumaturi jħallsu bejn wieħed u ieħor terz aktar minn qabel il-pandemija tal-COVID-19; billi l-konsum tal-ikel huwa neċessità u jirrappreżenta sehem kbir mill-basket tal-

konsum tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP);

Or. en

Emenda 25
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi d-data annwali uffiċjali bejn l-2002 u l-2024 mill-Eurostat, bl-użu ta' varjetà ta' artifizji statistiċi u definitorji, tipproduċi inflazzjoni komposta (HCIP, żona tal-euro) ta' ftit aktar minn 60 %, jiġifieri l-livell tal-prezz armonizzat skont il-Eurostat żdied biss b'madwar 60 % mill-2002; billi bosta atturi ekonomiċi influwenti, inklużi Stati, jibbenefikaw minn sottovalutazzjoni tal-inflazzjoni, iżda mhux il-popolazzjoni ġenerali;

Or. en

Emenda 26
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-provvista tal-flus M3 fiż-żona tal-euro żdiedet b'madwar tliet darbiet mill-2002, filwaqt li ż-żieda qawwija fl-aħħar għaxar snin kienet xprunata b'mod predominanti mill-politiki ta' mingħajr imgħax, il-programm ta' xiri ta' assi tal-BĊE speċjalment matul il-COVID; billi t-tkabbir ekonomiku, inkluża ż-żieda ta' pajjiżi ġodda fiż-żona tal-euro għadu lura ħafna minn din iż-

żieda bi tliet darbiet; billi n-newtralità tal-flus (ta' kors legali) hija fatt ekonomiku fuq terminu medju u twil;

Or. en

Emenda 27
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi l-President tal-BĊE ddikjara fid-djalogu monetarju mal-Parlament Ewropew li s-sors uniku u ċentralizzat tal-BĊE għad-data makroekonomika vitali li hija essenzjali biex tirregola l-politika monetarja tal-BĊE, speċjalment fir-rigward tad-data dwar l-inflazzjoni, huwa l-Eurostat, li huwa subordinat għall-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 28
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Be (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Be. billi skont il-President tal-BĊE, il-BĊE ma jagħmilx monitoraġġ intrinsiku sistematiku tad-data dwar l-inflazzjoni u l-istabbiltà tal-prezzijiet biex ikollu mezzi intrinsiċi biex jikkontrolla s-suċċess fl-ilħuq tal-għan primarju tiegħu, iżda fl-istess ħin juża mudelli ta' tbassir makroekonomiku, li kemm-il darba wrew ottimiżmu żejjed għall-politika monetarja espansjonarja;

Or. en

Emenda 29
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***l-faċilità ta' self marġinali u*** r-rata tal-faċilità ta' depożitu ***ffurmaw kuritur strett madwar ir-rata tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament***;	C. billi r-rata tal-faċilità ta' depożitu ***saret ir-rata ta' politika monetarja rilevanti f'kundizzjonijiet ta' likwidità kbira***;

Or. en

Emenda 30
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-limiti tal-BĊE fix-xiri tad-dejn tal-gvern qed jikbru b'mod kostanti, mill-Programm tas-Suq tat-Titoli sat-Tranżazzjonijiet Monetarji Definittivi, il-Programm ta' Xiri tas-Settur Pubbliku, il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija u l-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni[1];	***imħassar***
[1] Cochrane, J.H. et al., "Crisis Cycle: Challenges, Evolution, and Future of the Euro", Princeton University Press, 2025.	

Or. en

Emenda 31

Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-limiti*** tal-BĊE fix-xiri tad-dejn tal-gvern ***qed jikbru b'mod kostanti, mill-Programm*** tas-Suq tat-Titoli ***sat-Tranżazzjonijiet*** Monetarji Definittivi, il-Programm ta' Xiri tas-Settur Pubbliku, il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija u l-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni[1];	D. billi ***s-sett ta' għodod*** tal-BĊE fix-xiri tad-dejn tal-gvern ***inkluda l-Programm*** tas-Suq tat-Titoli***, it-Tranżazzjonijiet*** Monetarji Definittivi, il-Programm ta' Xiri tas-Settur Pubbliku, il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija u l-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni[1];
[1] Cochrane, J.H. et al., "Crisis Cycle: Challenges, Evolution, and Future of the Euro", Princeton University Press, 2025.	[1] Cochrane, J.H. et al., "Crisis Cycle: Challenges, Evolution, and Future of the Euro", Princeton University Press, 2025.

Or. en

Emenda 32
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-limiti*** tal-BĊE ***fix-xiri tad-dejn*** tal-gvern qed ***jikbru b'mod kostanti***, mill-Programm tas-Suq tat-Titoli sat-Tranżazzjonijiet Monetarji Definittivi, il-Programm ta' Xiri tas-Settur Pubbliku, il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija u l-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni[1];	D. billi ***l-kunsiderazzjoni*** tal-BĊE ***li jixtri d-dejn*** tal-gvern ***bħala parti mis-sett ta' għodod tiegħu*** qed ***tikber***, mill-Programm tas-Suq tat-Titoli sat-Tranżazzjonijiet Monetarji Definittivi, il-Programm ta' Xiri tas-Settur Pubbliku, il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija u l-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni[1];
[1] Cochrane, J.H. et al., "Crisis Cycle: Challenges, Evolution, and Future of the Euro", Princeton University Press, 2025.	[1] Cochrane, J.H. et al., "Crisis Cycle: Challenges, Evolution, and Future of the Euro", Princeton University Press, 2025.

Or. en

Emenda 33
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi d-deċiżjonijiet tal-BĊE għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi u projezzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji żviluppati u studjati mill-istituzzjoni sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tiegħu jkunu mirfuda b'solvenza robusta;

Or. es

Emenda 34
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-investimenti mill-ġdid fl-ambitu tal-programm ta' xiri ta' assi twaqqfu minn Lulju 2023, u fil-każ tal-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija minn Diċembru 2024;	E. billi l-investimenti mill-ġdid fl-ambitu tal-programm ta' xiri ta' assi twaqqfu minn Lulju 2023, u fil-każ tal-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija minn Diċembru 2024; ***u b'hekk wittew it-triq għal tnaqqis tad-daqs tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE;***

Or. en

Emenda 35
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-	F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-

Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu l-finanzjament monetarju dirett tal-gvernijiet;	Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu l-finanzjament monetarju dirett tal-gvernijiet; ***jinnota li l-finanzjament indirett permezz ta' operazzjonijiet tas-suq sekondarji huwa legalment possibbli, iżda strettament irregolat;***

Or. en

Emenda 36
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu ***l-finanzjament monetarju*** dirett ***tal-gvernijiet***;	F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu ***lill-BĊE milli jixtri strumenti ta' dejn b'mod*** dirett ***mill-gvernijiet***;

Or. en

Emenda 37
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-kriterji ta' konverġenza huma regoli matematiċi, mhux politiċi, imfassla biex jipprevjenu l-instabbiltà fiż-żona tal-euro, jappoġġjaw l-istabbiltà tal-prezzijiet u jaġixxu bħala protettur tal-kapaċità tal-akkwist u l-ġid tal-poplu; billi r-regola ta' defiċit tal-gvern ta' 3 % hija l-limitu superjuri matematiku ta' defiċit sostnut biex tal-inqas tiġi żgurata l-possibbiltà matematika sempliċi ta' ħlas lura tad-dejn (l-ebda skema piramidali

frawdolenti) mingħajr ma jkun hemm ħtieġa ta' inflazzjoni aktar qawwija, filwaqt li dan il-limitu kkalkulat kien ibbażat fuq il-livelli ta' tkabbir ekonomiku sostanzjalment aktar qawwija tas-snin 90; billi l-ksur tal-kriterju tad-defiċit għal diversi raġunijiet politiċi sar normali u issa saħansitra istituzzjonalizzat fl-UE, filwaqt li s-swieq finanzjarji se jikkunsidraw biss il-matematika, mhux ir-raġunament politiku għall-evalwazzjoni tal-prezz u tal-imgħax tagħhom ta' bonds sovrani;

Or. en

Emenda 38
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi, f'Ottubru 2025, ir-riżervi bankarji miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-BĊE kienu jammontaw għal EUR 2,7 triljun;

Or. en

Emenda 39
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi l-banek ċentrali madwar id-dinja żiedu b'mod qawwi x-xiri tad-deheb tagħhom fl-aħħar snin, u dan jissuġġerixxi nuqqas ta' fiduċja dejjem akbar lejn il-prodott tal-flus ta' kors legali

tagħhom jew lejn il-muniti ta' riżerva tal-punent ewlenin, jiġifieri d-Dollaru u l-Euro; billi l-prezz tad-deheb kważi rdoppja fl-aħħar ħames snin;

Or. en

Emenda 40
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi f'Lulju 2021, il-Bank tal-Ġappun nieda miżura ta' provizjonament tal-fondi li toffri self mingħajr imgħax għal maturità ta' sena lil banek li qed jinvestu fi proġetti ekoloġiċi;

Or. en

Emenda 41
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi f'Awwissu 2024, il-Bank tal-Poplu taċ-Ċina estenda l-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Karbonju (CERF) li tippermetti lill-banek jissellfu b'rata preferenzjali ta' 1,75 % għal ammont li jikkorrispondi għal 60 % tal-volum ta' self tagħhom maħruġ bħala appoġġ għat-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sa mill-inqas l-2027;

Or. en

Emenda 42
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi ammont dejjem akbar ta' pajjiżi fid-dinja qed jaqilbu għal muniti alternattivi għad-Dollaru jew l-Euro biex jagħmlu n-negozju tagħhom, u dan inaqqas id-domanda internazzjonali għal dawn il-muniti; billi ammont dejjem akbar ta' tranżazzjonijiet internazzjonali ma għadhomx jużaw is-SWIFT;

Or. en

Emenda 43
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fd. billi l-aħħar rapport annwali tal-BĊE kkritika l-inflazzjoni qawwija tal-aħħar snin, iżda rnexxielu jevita li jsemmi l-inflazzjoni monetarja, jiġifieri ż-żieda eċċessiva ta' provvista tal-flus meta mqabbla mat-tkabbir ekonomiku fil-prodotti u s-servizzi matul l-aħħar għaxar snin, tal-inqas darba bħala raġuni predominanti għaż-żieda f'daqqa fl-inflazzjoni, minkejja evidenza ekonomika, matematika u storika inkontestabbli għal din il-kawżalità;

Or. en

Emenda 44

Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fe (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fe. billi fis-sistema monetarja tagħna hemm rabta ġenerali bejn il-prezzijiet tal-proprjetà u t-tkabbir eċċessiv fil-provvista tal-flus, peress li l-proprjetà sservi bħala forma versatili ta' investiment għal atturi finanzjarji kbar, peress li hija kollateral adatt għal aktar self;

Or. en

Emenda 45
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ff (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ff. billi s-sitwazzjoni tad-dejn li qed jikber tal-Istati Uniti tal-Amerka u t-tnaqqis tal-kummerċ li jsir f'Dollari kif ukoll it-tnaqqis tat-titoli tal-Istati Uniti miżmuma minn diversi Stati, wasslu għal sitwazzjoni li fiha l-Istati Uniti ma jistgħux jesportaw id-dejn tagħhom permezz tad-Dollaru faċilment mingħajr ma jdgħajfu l-valur internazzjonali tad-Dollaru u dan wassal lill-Istati Uniti biex ifittxu dejjem aktar opportunitajiet ħalli joħolqu aktar domanda u domanda artifiċjali għad-Dollaru kif ukoll għal titoli tal-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 46
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fg. billi l-proporzjon medju tad-dejn għall-PDG fiż-żona tal-euro huwa sostanzjalment ogħla minn 60 % kif iddefinit mill-kriterji ta' Konverġenza u l-infiq defiċitarju ta' diversi Stati Membri, anke minħabba l-klawżola liberatorja nazzjonali, huwa ugwalment fi ksur serju tar-regola tad-defiċit ta' 3 %, li se taffettwa b'mod prevedibbli r-rati tal-imgħax tal-bonds sovrani tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 47
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar li l-Artikolu 127 tat-TFUE jiddikjara li "L-għan primarju tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "SEBĊ" għandu jkun li żżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-għan ta' stabbiltà fil-prezzijiet, is-SEBĊ għandha tappoġġja l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Is-SEBĊ għandha tagixxi skont il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li jiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 119.";	1. Ifakkar li l-Artikolu 127 tat-TFUE jiddikjara li "L-għan primarju tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "SEBĊ" għandu jkun li żżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-għan ta' stabbiltà fil-prezzijiet, is-SEBĊ għandha tappoġġja l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Is-SEBĊ għandha tagixxi skont il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li jiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 119."; ***ifakkar li l-għan ewlieni ma għandux jiġi affettwat minn għanijiet sekondarji;***

Or. es

Emenda 48
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar li l-Artikolu 127 tat-TFUE jiddikjara li "l-objettiv primarju tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għandu jkun li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-għan ta' stabbiltà fil-prezzijiet, is-SEBĊ għandha tappoġġja l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Is-SEBĊ għandha tagixxi f'konformità mal-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa, li jiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 119.";	1. Ifakkar li l-Artikolu 127 tat-TFUE jiddikjara li "l-objettiv primarju tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għandu jkun li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-għan ta' stabbiltà fil-prezzijiet, is-SEBĊ għandha tappoġġja l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***kif ukoll biex twieġeb aħjar għall-isfidi serji u li ġejjin***. Is-SEBĊ għandha tagixxi f'konformità mal-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa, li jiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 119.";

Or. en

Emenda 49
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-politiki monetarji u fiskali huma għodod komplementari li jridu jiġu kkoordinati mill-qrib, speċjalment matul il-kriżijiet sistemiċi, biex jappoġġjaw b'mod effettiv l-istabbiltà

tal-prezzijiet u t-tkabbir ekonomiku; jinnota li politiki fiskali kredibbli u orjentati lejn terminu medju jtejbu t-trażmissjoni monetarja u jnaqqsu r-riskju ta' dominanza fiskali; fl-aħħar mill-aħħar, il-politiki monetarji u fiskali huma komplementari, mhux sostituti;

Or. en

Emenda 50
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet;	2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; ***ifakkar li dan l-objettiv irid jintlaħaq mingħajr indħil politiku, b'rispett shih lejn l-awtonomija istituzzjonali u funzjonali tal-Bank, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tiegħu li jagħti rendikont skont it-Trattati;***

Or. es

Emenda 51
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet;	2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; ***jikkritika l-fatt li l-BĊE jibbaża esklużivament fuq subordinat tal-***

Kummissjoni biex jikseb data essenzjali differenti għall-politika monetarja tiegħu, peress li dan iqajjem xi dubji dwar l-indipendenza prattika;

Or. en

Emenda 52
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq ***il-mandat*** tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet;	2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq ***il-mandati legalment vinkolanti*** tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet ***u jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 53
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE***, kif*** stabbilita fit-Trattati***, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***;	2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE ***hija*** stabbilita fit-Trattati;

Or. en

Emenda 54
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku;	3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament***; jilqa' f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-arranġamenti fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE dwar l-istrutturar tal-prattiki għall-interazzjoni fil-qasam tal-attivitajiet tal-banek ċentrali; jistieden lill-BĊE u lill-banek ċentrali nazzjonali jaħdmu ulterjorment mal-parlamenti nazzjonali***; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku ***u ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess mal-banek kummerċjali***;

Or. en

Emenda 55
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku;	3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku; ***jenfasizza li l-indipendenza tal-bank ċentrali għandha dejjem tkun akkumpanjata minn livell korrispondenti ta' obbligu ta' rendikont; jinnota li l-banek ċentrali għandhom ikunu awtonomi iżda mhux iżolati;***

Or. en

Emenda 56
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku;	3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament***, peress li nuqqas ta' stabbiltà tal-prezzijiet huwa primarjament għad-detriment tal-poplu taż-żona tal-euro***; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku;

Or. en

Emenda 57
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku;	3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet ***b'mod kompletament indipendenti*** biex iwettaq il-mandat tiegħu ***li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet,*** mingħajr indħil politiku;

Or. es

Emenda 58
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku;	3. Jenfasizza li l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament; jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jieħu deċiżjonijiet biex iwettaq il-mandat tiegħu mingħajr indħil politiku ***u mingħajr ma jindaħal fil-politika***;

Or. en

Emenda 59
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota l-importanza tat-trasparenza għall-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-BĊE jagħmel sforzi biex isaħħaħ l-istrumenti li jtejbu t-trasparenza, bħall-parametri referenzjarji, għarfien fis-suppożizzjonijiet tiegħu bbażati fuq mudelli u valutazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-iżviluppi fl-inflazzjoni;	4. Jinnota l-importanza tat-trasparenza għall-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-BĊE jagħmel sforzi biex isaħħaħ l-istrumenti li jtejbu t-trasparenza, bħall-parametri referenzjarji, għarfien fis-suppożizzjonijiet tiegħu bbażati fuq mudelli u valutazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-iżviluppi fl-inflazzjoni; ***jappella għall-pubblikazzjoni kontinwa ta' dokumentazzjoni dettaljata dwar il-ħolqien, il-kalibrazzjoni u l-modifika tal-mudelli ta' tbassir ekonomiku tiegħu, peress li dawn huma b'mod indirett ta' impatt u interess pubbliku kbir u wrew nuqqasijiet ripetuti kif ukoll ottimiżmu eċċessiv għall-appoġġ ta' politika monetarja espansjonarja;***

Or. en

Emenda 60
Gerben-Jan Gerbrandy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota l-importanza tat-trasparenza għall-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-BĊE jagħmel sforzi biex isaħħaħ l-istrumenti li jtejbu t-trasparenza, bħall-parametri referenzjarji, għarfien fis-suppożizzjonijiet tiegħu bbażati fuq mudelli u valutazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-iżviluppi fl-inflazzjoni;	4. Jinnota l-importanza tat-trasparenza għall-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-BĊE jagħmel sforzi biex isaħħaħ l-istrumenti li jtejbu t-trasparenza, bħall-parametri referenzjarji, għarfien fis-suppożizzjonijiet tiegħu bbażati fuq mudelli u valutazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-iżviluppi fl-inflazzjoni; ***jistieden lill-BĊE jinkludi mill-ġdid kapitolu fir-rapport annwali tiegħu ddedikat biex juri kif il-BĊE interpreta u implimenta l-objettivi sekondarji tiegħu;***

Or. en

Emenda 61
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota l-importanza tat-trasparenza għall-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-BĊE jagħmel sforzi biex isaħħaħ l-istrumenti li jtejbu t-trasparenza, bħall-parametri referenzjarji, għarfien fis-suppożizzjonijiet tiegħu bbażati fuq mudelli u valutazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-iżviluppi fl-inflazzjoni;	4. Jinnota l-importanza tat-trasparenza għall-obbligu ta' rendikont ***u li huma meħtieġa mekkaniżmi sodi ta' disinn istituzzjonali u obbligu ta' rendikont***; jistieden lill-BĊE jagħmel sforzi biex isaħħaħ l-istrumenti li jtejbu t-trasparenza, bħall-parametri referenzjarji, għarfien fis-suppożizzjonijiet tiegħu bbażati fuq mudelli u valutazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-iżviluppi fl-inflazzjoni;

Or. en

Emenda 62
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jilqa' l-kooperazzjoni istituzzjonali msaħħa bejn il-BĊE u l-Parlament Ewropew (Ftehim Interistituzzjonali (FII) għal attivitajiet superviżorji u l-iskambju ta' ittri fir-rigward tal-qasam tal-attivitajiet tal-bank ċentrali), kif ukoll l-impenn kondiviż biex jissaħħu ulterjorment l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza; jappella għal diskussjonijiet kontinwi fil-Kumitat ECON dwar l-espansjoni ta' seduti ta' smigħ tematiċi, it-titjib tal-aċċess pubbliku għar-risponsi tal-BĊE u l-esplorazzjoni ta' forom addizzjonali ta' kooperazzjoni istituzzjonali; jinnota li l-BĊE u l-Parlament Ewropew espandew is-seduti ta' smigħ tematiċi, inklużi dawk iffokati fuq il-proġett tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 63
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-BĊE jsaħħaħ it-trasparenza analitika tal-politika monetarja tiegħu billi jippubblika valutazzjonijiet regolari ta' kif id-deċiżjonijiet tiegħu jikkontribwixxu għall-objettivi usa' tal-Unjoni skont l-Artikolu 3 tat-TUE, inkluż tkabbir sostenibbli, koeżjoni u żvilupp ekonomiku bbilanċjat; jistieden lill-BĊE jikkomunika b'mod aktar sistematiku dwar kif l-istrumenti tiegħu jinteraġixxu mal-politiki fiskali u strutturali fi Stati Membri differenti;

Or. en

Emenda 64
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 65
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 66
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi;	5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi; ***itenni li r-raġunament ekonomiku wara l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE huwa li jiġi pprojbit li l-bank ċentrali jintuża, direttament jew indirettament, biex jiffinanzja nfiq tal-***

gvern eċċessiv mill-Istati Membri abbażi ta' objettivi politiċi; jistieden lill-BĊE jinforma lill-Parlament jekk kienx hemm diġà diskussjonijiet fil-bord tal-BĊE biex jiġġedded programm ta' akkwist tal-assi futur sabiex jiġu miġġielda żidiet possibbli fir-rati tal-imgħax ta' bonds sovrani kkawżati mill-infiq eċċessiv attwali ta' diversi Stati Membri u l-klawżola liberatorja nazzjonali;

Or. en

Emenda 67
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza ***politika tirrikjedi*** li l-BĊE ***joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi***;	5. Jenfasizza li l-indipendenza ***tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif minqux fl-Artikolu 130 tat-TFUE, trid tkun irrispettata b'mod strett u applikata fiċ-ċirkostanzi kollha, filwaqt li jiġi żgurat li la l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lanqas il-gvernijiet nazzjonali ma jfittxu li jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu; jisħaq, fl-istess waqt,*** li l-BĊE ***għandu jibqa' jirrispondi għall-kuntest ekonomiku, ambjentali u soċjali li qed jevolvi tal-Unjoni***; ***jappella għal djalogu aktar b'saħħtu bejn il-BĊE u l-Parlament biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet monetarji jkunu konsistenti mal-objettivi tal-kompetittività u tar-reżiljenza fuq terminu twil tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 68
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu ***miżuri*** politiċi;	5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu ***deċiżjonijiet motivati minn kunsiderazzjonijiet*** politiċi***, filwaqt li jiżgura li l-aġir tiegħu jkun ibbażat biss fuq kriterji tekniċi u ekonomiċi***;

Or. es

Emenda 69
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza ***li l-indipendenza*** politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi;	5. Jenfasizza ***l-importanza tal-indipendenza*** politika ***tal-BĊE bħala pedament tal-politika monetarja; jenfasizza li*** l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi;

Or. en

Emenda 70
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza ***politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi***;	5. Jenfasizza li l-indipendenza ***tal-BĊE għandha tiġi interpretata f'konformità mal-Artikolu 130 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***;

Or. en

Emenda 71
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet ***politiċi***;	5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet ***politikament immotivati***;

Or. en

Emenda 72
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li l-indipendenza politika ***tirrikjedi li*** l-BĊE ***joqgħod lura milli jieħu azzjonijiet politiċi***;	5. Jenfasizza li l-indipendenza politika tal-BĊE ***hija minquxa fl-Artikolu 130 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 73
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jilqa' l-konferma tal-BĊE li l-objettivi sekondarji tiegħu huma "dmir mhux għażla"; jappella għal trasparenza akbar fil-mod kif il-BĊE jintegra l-

objettivi sekondarji tiegħu fid-deċiżjonijiet ta' politika tiegħu; jistieden lill-BĊE jindirizza kapitolu speċifiku fir-rapport annwali tiegħu li jiddeskrivi kif identifika l-politiki ekonomiċi fl-UE bħala rilevanti jew le għall-objettivi sekondarji tiegħu; jirrikonoxxi wkoll l-analiżi legali mill-BĊE tal-mandat primarju u sekondarju tal-BĊE u r-rilevanza tal-Artikolu 121 tat-TFUE f'dan il-kuntest;

Or. en

Emenda 74
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jitlob li l-BĊE joqgħod lura milli juża l-media soċjali, kemm jekk permezz tal-kontijiet istituzzjonali tiegħu kif ukoll tal-kontijiet personali ta' membri tal-Bord Eżekuttiv ġestiti mill-BĊE, biex itella' kontenut mhux relatat mal-mandat tal-BĊE kif stabbilit fit-Trattat, minħabba r-riskji li tali attività toħloq għall-perċezzjoni tal-indipendenza tal-BĊE bħala riżultat ta' eċċess ta' kummenti mhux relatati mal-objettivi primarji u sekondarji tiegħu;

Or. en

Emenda 75
Irene Tinagli, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota li r-rieżami tal-istrateġija

tal-2025 tal-BĊE afferma mill-ġdid iċ-ċentralità tal-komunikazzjoni u t-trasparenza bħala strumenti ewlenin tal-politika monetarja; iħeġġeġ lill-BĊE jkompli jsaħħaħ l-interazzjoni tiegħu mal-pubbliku permezz ta' formati ta' komunikazzjoni aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jżomm iċ-ċarezza u l-konsistenza fil-messaġġi tiegħu kemm għas-swieq finanzjarji kif ukoll għaċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 76
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrakkomanda bil-qawwa d-deċentralizzazzjoni tas-sorsi tiegħu ta' data tal-input makroekonomiku, kif ukoll il-ħolqien u l-użu ta' mezzi intrinsiċi għall-monitoraġġ kontinwu ta' problemi sistematiċi potenzjali b'tali data, peress li hija tant kruċjali għall-formulazzjoni tal-politika monetarja tiegħu u l-monitoraġġ tal-objettiv primarju tiegħu;

Or. en

Emenda 77
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jilqa' l-konferma tal-BĊE li l-objettivi sekondarji tiegħu huma "dmir mhux għażla"[1a]; jappella għal

trasparenza akbar fil-mod kif il-BĊE jintegra l-objettivi sekondarji tiegħu fid-deċiżjonijiet ta' politika tiegħu, inkluż permezz ta' taqsima ddedikata fir-rapport annwali tiegħu;

[1a] Frank Elderson, Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE (rapport ta' opinjoni Le Monde/FAZ), it-13 ta' Frar 2021

Or. en

Emenda 78
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-BĊE jżid it-trasparenza b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki monetarji dejjem aktar intervenzjonisti tiegħu, li hemm riskju li jdgħajfu s-sinjali tas-suq, joħolqu distorsjonijiet u jikkontribwixxu għall-allokazzjoni ħażina tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 79
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jirrimarka l-possibbiltà u l-ħtieġa statistika, wara aktar minn għoxrin sena, li tiġi rieżaminata data makroekonomika annwali ewlenija tal-Eurostat billi titqabbel id-data dwar it-tkabbir makroekonomiku annwali u dwar l-

inflazzjoni komposta minn serje ta' żmien twil mad-data rispettiva ta' punti ta' bidu u ta' tmiem iddefiniti minn diversi sorsi oħra sabiex jiġu identifikati problemi, distorsjonijiet sistematiċi jew żbalji; jisħaq li l-iżbalji jew il-preġudizzji fid-data annwali huma diffiċli biex jiġu skoperti, iżda jekk jeżistu preġudizzji jew żbalji konsistenti jew sistematiċi, dan isir evidenti matul tali perjodi itwal; jistieden lill-BĊE jwettaq tali investigazzjonijiet u kontrolli statistiċi biex jiżgura li qed imexxi ż-żona tal-euro b'boxxla imparzjali;

Or. en

Emenda 80
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jitlob li r-Rapport Annwali jinkludi valutazzjoni ta' kif il-livelli tar-rata tal-imgħax attwali jaffettwaw l-effiċjenza u l-eżiti tal-prijoritajiet u tal-investimenti strateġiċi tal-UE; jenfasizza l-importanza li tiġi evalwata l-interazzjoni bejn il-kundizzjonijiet monetarji u l-prestazzjoni ta' dawn l-inizjattivi ewlenin biex tiġi żgurata koordinazzjoni tal-politika effettiva;

Or. en

Emenda 81
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jenfasizza li l-prestazzjoni insuffiċjenti tal-mudelli ta' tbassir makroekonomiku tal-BĊE, speċjalment l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-ottimiżmu tat-tkabbir ekonomiku tagħhom, tista' tkun relatata wkoll mal-użu ta' data makroekonomika sistematikament distorta tal-passat, peress li dawn il-mudelli ġeneralment jiġu kkalibrati bl-użu ta' data tal-passat;

Or. en

Emenda 82
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir ***u*** l-istabbiltà ekonomika;	6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni ***għall-BĊE biex iwettaq il-mandat tiegħu li jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-UE, bħat-tkabbir,*** l-istabbiltà ekonomika***, ir-rispett tal-ekonomija tas-suq miftuħa u ta' kompetizzjoni ħielsa, li twassal għal rata ta' impjieg sħiħa, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, il-koordinazzjoni tal-politika monetarja u l-funzjonament tajjeb tal-finanzi pubbliċi***;

Or. es

Emenda 83
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jenfasizza l-objettiv*** primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir ***u*** l-istabbiltà ekonomika;	6. ***Itenni li l-uniku objettiv*** primarju tal-BĊE ***huwa*** li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir***,*** l-istabbiltà ekonomika ***kif ukoll il-protezzjoni tal-ġid u tal-kapaċità tal-akkwist tal-poplu sabiex tiġi miġġielda l-kriżi tal-għoli tal-ħajja***;

Or. en

Emenda 84
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jenfasizza*** l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika***;	6. ***Jinnota*** l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. en

Emenda 85
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika***;	6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. en

Emenda 86
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika;	6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir***, il-kompetittività*** u l-istabbiltà ekonomika;

Or. en

Emenda 87
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika;	6. Jenfasizza l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija prekundizzjoni ***meħtieġa*** għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika;

Or. en

Emenda 88
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jenfasizza*** l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija ***prekundizzjoni*** għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika;	6. ***Jinnota*** l-objettiv primarju tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hija ***waħda mill-kundizzjonijiet*** għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika;

Or. en

Emenda 89
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li l-operazzjonijiet tal-politika monetarja għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu b'mod newtrali għas-suq, sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-BĊE kif minquxa fit-trattati u biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq; jemmen li d-devjazzjonijiet min-newtralità tas-suq jistgħu jimminaw il-fiduċja fl-indipendenza tal-BĊE;

Or. de

Emenda 90
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li, f'Settembru 2025, ir-rata tal-inflazzjoni annwali fl-Unjoni Ewropea kienet ta' 2,6 fil-mija; jilqa' l-fatt li l-inflazzjoni naqset b'mod konsiderevoli matul l-aħħar snin; ifakkar li f'Ottubru 2022, ir-rata annwali tal-inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea kienet ta' 11,5 fil-mija;

Or. en

Emenda 91
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li t-tkabbir sostenibbli, ir-reżiljenza u l-istabbiltà tal-prezzijiet ma jistgħux jinkisbu mill-politika monetarja waħedha u li politika fiskali ta' appoġġ u diskrezzjonali u riformi u investimenti soċjalment ibbilanċjati u li jtejbu l-produttività huma meħtieġa wkoll;

Or. en

Emenda 92
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifakkar li l-istabbiltà tal-prezzijiet hija essenzjali biex jiġu attirati l-investimenti, jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku, jinħolqu l-impjiegi, jiġu żviluppati proġetti ġodda ta' investiment u jsir kontribut għall-prosperità ekonomika fit-tul;

Or. es

Emenda 93
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jilqa' r-reviżjoni tal-istrateġija tal-politika monetarja tal-2025 u jħeġġeġ lill-BĊE jwettaq perjodikament tali

reviżjonijiet;

Or. en

Emenda 94
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jesprimi tħassib dwar l-għoli tal-ħajja esaġerat, peress li l-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija żdiedu b'mod sinifikanti fl-Ewropa mill-pandemija tal-COVID-19; jinnota li, bħala medja, il-prezz ta' ikla fiż-żona tal-euro huwa ogħla b'terz[1a] minn qabel il-pandemija, li jaffettwa b'mod speċjali lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx;
	1a https://www.ecb.europa.eu/press/blog/date/2025/html/ecb.blog20250925~7fd65a388a.mt.html

Or. en

Emenda 95
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; ***jinnota*** li ***l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni***; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; ***jirrikonoxxi, madankollu,*** li ***r-rieżami tal-istrateġija tal-2025 indirizza dik il-kwistjoni billi ċċara t-tifsira operazzjonali tas-simetrija marbuta mal-mira ta' 2 %,***

filwaqt li jimpenja lill-Kunsill Governattiv biex jirrispondu "b'forza jew persistenza xierqa" kemm għall-inflazzjoni taħt l-aspettattivi jew għal-inflazzjoni eċċessiva; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;

Or. en

Emenda 96
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin***;*** ***jinnota*** li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni***; jistieden*** lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin***, li jikkostitwixxi nuqqas sistemiku tal-politika monetarja; jemmen*** li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni***, u li l-qafas ta' politika tiegħu kien reattiv aktar milli antiċipatorju; iħeġġeġ*** lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni ***u n-nuqqas ta' kapaċità tal-politiki tal-BĊE li jindirizzawha***;

Or. en

Emenda 97
Gerben-Jan Gerbrandy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-

livelli għoljin ta’ inflazzjoni;	livelli għoljin ta’ inflazzjoni; ***josserva li l-inflazzjoni reċenti kienet ikkorrelata ħafna mal-prezzijiet tal-enerġija mill-fjuwils fossili; jinnota l-effett diżinflazzjonarju tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli f’dan ir-rigward;***

Or. en

Emenda 98
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta’ dawn il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta’ dawn il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni; ***jenfasizza l-ħtieġa li l-aspettattivi tal-inflazzjoni jiġu ankrati sew mal-mira u li jiġi żgurat li l-pressjonijiet tal-prezz temporanji ma jsirux strutturali;***

Or. en

Emenda 99
Bas Eickhout
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni***; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta’ dawn il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni;	7. ***Ifaħħar lill-BĊE talli niżżel l-inflazzjoni mill-ogħla livell tagħha ta’ 10,6 % f’Ottubru 2022 għal 2 % f’Awwissu 2025, f’konformità mal-mira tal-inflazzjoni tiegħu***; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta’ dawn il-

livelli għoljin ta' inflazzjoni ***u l-aħjar mod biex tiġi indirizzata l-inflazzjoni li ġejja minn xokkijiet fil-provvista, li primarjament joriġinaw minn sorsi esterni***;

Or. en

Emenda 100
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni;*** jistieden lill-BĊE ***jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni***;	7. Jistieden lill-BĊE ***jinkorpora mekkaniżmi biex jidentifika aħjar il-grad ta' tranżizzjoni tal-effetti tax-xokkijiet ekonomiċi sabiex jiġi żgurat rispons tal-politika monetarja rapidu u ddeterminat għal dawn tal-aħħar***;

Or. en

Emenda 101
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; ***jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni***; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni ***fir-Rapport Annwali tiegħu, flimkien ma' sett ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika biex tiġi indirizzata l-kriżi inflazzjonarja futura, b'mod partikolari meta din tkun xprunata minn fatturi min-naħa tal-provvista***;

Or. en

Emenda 102
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni***, inkluża d-dipendenza kontinwa mill-fjuwils fossili importati***;

Or. en

Emenda 103
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni ***u jislet il-konklużjonijiet it-tajbin mir-rispons bil-mod tal-BĊE***;

Or. en

Emenda 104
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa ***l-kawżi*** ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa ***u jippreżenta lill-Parlament il-fehmiet tiegħu dwar il-kawżi*** ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni;

Or. en

Emenda 105
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; ***jinnota li l-BĊE rreaġixxa bil-mod wisq għaż-żieda fl-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa l-kawżi ta' dawn il-livelli għoljin ta' inflazzjoni***;	7. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni dawn l-aħħar snin; ***jirrikonoxxi li l-inflazzjoni fil-biċċa l-kbira rriżultat miż-żieda f'daqqa tal-prezzijiet tal-enerġija fossili wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna***;

Or. en

Emenda 106
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jikkunsidra li ż-żieda qawwija fil-provvista tal-flus fl-għaxar snin ta' qabel iż-żieda f'daqqa fl-inflazzjoni, li kienet primarjament dovuta għall-politika ta'

rata tal-imgħax żero, il-programmi ta' xiri ta' assi u, b'mod partikolari, iż-żieda qawwija fil-provvista tal-flus immedjatament qabel iż-żieda f'daqqa, jiġifieri matul il-miżuri ta' emerġenza tal-COVID-19, flimkien maż-żieda f'daqqa fil-veloċità tal-flus wara t-tmiem tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 kif ukoll it-tnaqqis f'daqqa tal-provvista ta' riżorsi essenzjali minħabba sanzjonijiet tal-UE, ħolqu każ klassiku għal żieda qawwija f'daqqa fl-inflazzjoni;

Or. en

Emenda 107
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinnota li l-politika monetarja konvenzjonali hija inqas effettiva milli huwa spiss preżunt fir-rigward tal-indirizzar ta' pressjonijiet inflazzjonarji li jirriżultaw minn xokkijiet min-naħa tal-provvista, bħal xokkijiet relatati mal-klima jew tfixkil fil-kummerċ; jistieden lill-BĊE janalizza jekk taħlita ta' politika aktar komprensiva, li tinkludi politiki fiskali, industrijali, kummerċjali, tas-suq tax-xogħol u tal-kompetizzjoni, hijiex meħtieġa biex tindirizza l-iżviluppi tal-prezzijiet avversi;

Or. en

Emenda 108
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-fatt li l-prospettiva tal-inflazzjoni attwali hija konsistenti mal-istabbilizzazzjoni tal-inflazzjoni għal bejn wieħed u ieħor il-mira fuq terminu medju ta' 2 %;

Or. en

Emenda 109
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza r-rwol ewlieni li l-aspettattivi tal-inflazzjoni għandhom għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' atturi ekonomiċi; jinnota bi tħassib li skont l-Istħarriġ dwar l-Aspettattivi tal-Konsumaturi tal-BĊE, l-aspettattivi medjani għall-inflazzjoni matul it-12-il xahar li ġejjin huma ta' 2,7 % u l-aspettattivi għall-inflazzjoni għat-tliet snin li ġejjin huma ta' 2,5 %, jiġifieri ferm ogħla mil-livell fil-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE;

Or. en

Emenda 110
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni;*** jissottolinja	8. Jissottolinja ***l-fatt li jekk ir-rati tal-imgħax jinżammu għoljin wisq, dan jista'***

l-importanza li l-politika monetarja ***ma tiġix iffaċilitata malajr tant***;	***jxekkel l-investiment u jkun ta' detriment għat-tkabbir ekonomiku; jisħaq li rati tal-imgħax għoljin jaffettwaw b'mod partikolari lis-setturi intensivi fil-kapital; jinsab imħasseb li minħabba kostijiet kapitali tal-bidu għoljin għall-bini u l-installazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin u l-proġetti tal-grilja huma milquta b'mod partikolari minn rata tal-imgħax għolja li twassal għal tnaqqis fir-ritmu tal-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq li tranżizzjoni tal-enerġija mdewma se żżid il-vulnerabbiltà tal-UE għal xokkijiet fil-provvista tal-klima u dik relatata mal-enerġija; jikkonkludi, għalhekk, li politika*** monetarja ***restrittiva tista' xxekkel il-kapaċità tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***; ***jistieden lill-BĊE jwettaq u jippubblika analiżi settorjali dettaljata tal-impatti inflazzjonarji u makroekonomiċi taż-żieda meħtieġa fl-investimenti strateġiċi, filwaqt li jqis is-sensittività ta' dawn l-investimenti għall-bidliet fil-kostijiet ta' finanzjament, u l-kontribut potenzjali tagħhom għal stabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu qasir sa medju; jistieden lill-BĊE jippreżenta din l-analiżi fl-okkażjoni ta' djalogu monetarju futur;***

Or. en

Emenda 111
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant;	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant; ***jesprimi tħassib dwar il-livelli ta' dejn dejjem***

	jiżdiedu tal-Istati Membri, l-infiq defiċitarju eċċessiv tagħhom u l-effett prevedibbli li jirriżulta minnhom fuq ir-rati tal-imgħax ta' diversi Stati Membri, li se jġeddu t-talbiet biex isir intervent mill-BĊE bi flus ġodda ħalli jitnaqqsu r-rati tal-imgħax permezz tal-akkwist tal-assi, li min-naħa tagħhom ikunu jirriżultaw f'inflazzjoni akbar tal-prezzijiet ikkaġunata mill-politika monetarja fis-snin li ġejjin;

Or. en

Emenda 112
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; ***jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant***;	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; ***jinnota li l-iffaċilitar monetarju prematur jista' jerġa' joħloq pressjonijiet inflazzjonarji, filwaqt li jwissi kontra ssikkar eċċessivament riġidu li jonqos milli jqis id-dinamika speċifika tax-xokkijiet fil-provvista***; ***jappella għal komunikazzjoni trasparenti u konsistenti tad-deċiżjonijiet tal-BĊE f'xenarji ekonomiċi differenti biex jiġu ggwidati b'mod effettiv l-aspettattivi tas-suq;***

Or. en

Emenda 113
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja ***l-importanza li l-politika*** monetarja ***ma tiġix iffaċilitata malajr tant***;	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja ***madankollu li jekk jinżammu rati tal-imgħax għoljin wisq, dan jista' jagħmel ħsara lit-tkabbir ekonomiku; jistieden lill-BĊE jkompli jbaxxi r-rati tal-imgħax gradwalment, filwaqt li jqis il-prinċipji prudenzjali li dejjem iridu jipprevalu f'sistema li tgħaqqad flimkien l-istabbiltà*** monetarja ***u l-appoġġ għall-ekonomija***;
	Or. it

Emenda 114
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jirrikonoxxi r-riskju*** kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant;	8. ***Iwissi dwar ir-riskju*** kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant; ***jesprimi tħassib dwar il-mod li bih bħalissa l-BĊE qed juża għodod monetarji mhux konvenzjonali, bħal xiri ta' assi, li jistgħu jipprovdu likwidità fuq terminu qasir iżda joħolqu distorsjonijiet fuq terminu twil fis-swieq finanzjarji u jinċentivaw dejn eċċessiv tal-gvern;***
	Or. en

Emenda 115
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ***ma tiġix illaxkata malajr wisq***;	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ***tkun prudenti u ggwidata biss minn kriterji ta' stabbiltà tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati pressjonijiet politiċi jew deċiżjonijiet qabel il-waqt li jistgħu jikkompromettu l-kredibbiltà tal-BĊE***;

Or. es

Emenda 116
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant;	8. ***Jinnota li bejn Ġunju 2024 u Ġunju 2025 il-BĊE qata' r-rata tad-depożitu b'200 punt bażi;*** jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant;

Or. en

Emenda 117
Vlad Vasile-Voiculescu, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja ***l-importanza*** li ***l-politika*** monetarja ***ma tiġix iffaċilitata malajr tant***;	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja li ***kwalunkwe bidla lejn l-iffaċilitar tal-politika*** monetarja ***għandha tkun xprunata mid-data u kkundizzjonata minn stabbiltà tal-prezzijiet durabbli***;

Or. en

Emenda 118
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; ***jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant;***	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni;

Or. en

Emenda 119
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni***; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant***;	8. Jirrikonoxxi r-riskju kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni ***parzjalment minħabba d-dipendenza tal-Ewropa minn importazzjonijiet tal-fjuwils fossili***;

Or. en

Emenda 120
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi r-riskju ***kontinwu ta' żieda mill-ġdid fl-inflazzjoni; jissottolinja l-importanza li l-politika monetarja ma tiġix iffaċilitata malajr tant***;	8. Jirrikonoxxi r-riskju ***attwali ta' inflazzjoni bilaterali; jirrikonoxxi l-perkors bla xkiel tal-inflazzjoni lura għall-mira tal-BĊE***;

Or. en

Emenda 121
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza kif l-istrateġija tat-tnaqqis fir-rati trid tkun parti minn strateġija usa' biex tappoġġja r-reżiljenza ekonomika tal-familji u tal-impriżi Ewropej; jissottolinja li t-tnaqqis fir-rati jgħin biex inaqqas il-kostijiet tas-self b'mod sinifikanti, iħeġġeġ l-investiment u jtejjeb l-aċċess għall-kreditu, u b'hekk irawwem l-istabbiltà u l-irkupru ekonomiku fiż-żona tal-euro kollha;

Or. it

Emenda 122
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt ***potenzjalment*** distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;	9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt distorsiv ***tal-kriżi klimatika,*** tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet; ***jisħaq fuq l-impatt tremend tal-kriżi klimatika fuq setturi ewlenin, bħall-agrikoltura u l-enerġija; jenfasizza li ż-żidiet fil-prezzijiet li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima ma jistgħux jiġu indirizzati permezz ta' strumenti tal-politika monetarja tradizzjonali; jistieden li jiġi rieżaminat il-qafas ta' monitoraġġ tal-istabbiltà tal-prezzijiet, billi jiġu stabbiliti***

ftehimiet ta' governanza ġodda li jinvolvu u jikkoordinaw lill-partijiet ikkonċernati ewlenin f'oqsma ta' politika wiesgħa inkluża l-politika tal-kompetizzjoni, industrijali, fiskali u monetarja; jenfasizza d-dilemma potenzjali li tiġi ssikkata l-pożizzjoni monetarja meta jiġu indirizzati xokkijiet fil-provvista biex tiġi miġġielda inflazzjoni fuq terminu qasir għad-detriment ta' pressjoni inflazzjonarja aktar persistenti fuq terminu itwal; jistieden lill-BĊE jħejji aħjar għal tali sitwazzjonijiet;

Or. en

Emenda 123
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;	9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet; ***jenfasizza d-dilemma potenzjali meta jiġu indirizzati xokkijiet futuri fejn l-issikkar monetarju jista' jgħin biex jikkontrolla inflazzjoni fuq terminu qasir għad-detriment ta' pressjoni inflazzjonarja aktar persistenti fuq terminu itwal; jistieden lill-BĊE jħejji aħjar għal tali sitwazzjonijiet;***

Or. en

Emenda 124
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;	9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet***, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa ta' risposti bbażati fuq il-funzjonament tajjeb tas-swieq u l-ftuħ kummerċjali bħala garanzija ta' reżiljenza ekonomika***;

Or. es

Emenda 125
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;	9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika u t-tfixkil fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet; ***jenfasizza l-isfidi li din l-inċertezza timplika għall-pożizzjoni tal-politika monetarja;***

Or. en

Emenda 126
Vlad Vasile-Voiculescu, Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika ***u t-tfixkil*** fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;	9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika***, inklużi r-riskji marbuta għas-sigurtà tal-enerġija, it-tfixkil*** fil-kummerċ ***u kundizzjonijiet ta'***

temp estrem fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;

Or. en

Emenda 127
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika ***u t-tfixkil*** fil-kummerċ fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;	9. Jenfasizza b'mod partikolari l-impatt potenzjalment distorsiv tal-inċertezza ġeopolitika***, it-tfixkil*** fil-kummerċ***, it-tibdil fil-klima u l-importazzjonijiet tal-ffuwils fossili*** fuq l-iżviluppi fil-prezzijiet;

Or. en

Emenda 128
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-hekk imsejħa "kriżi tal-għoli tal-ħajja" hija terminu ieħor għat-tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità tal-akkwist tal-popolazzjoni ġenerali, filwaqt li l-inflazzjoni monetarja u ambjent bi tkabbir baxx huma ġeneralment fost il-kawżi ekonomiċi ewlenin; jirrimarka li l-aġġustament tal-inflazzjoni fiż-żidiet fil-pagi ta' spiss jiġu kkumpensati biss fl-aqwa każ sal-livell uffiċjalment irrapportat, li jwassal għal tnaqqis sostnut fil-pagi reali jekk l-inflazzjoni tkun sistematikament sottorapportata; jindika r-rabta bejn il-politika monetarja espansjonarja sostnuta u l-prezzijiet tal-

proprjetà u sussegwentement il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni f'sistema ta' flus ta' kors legali;

Or. en

Emenda 129
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-BĊE jivvaluta mill-ġdid il-fattibbiltà tal-applikazzjoni ta' rati tal-imgħax differenzjati biex jappoġġja investimenti mmirati b'mod ċar lejn l-effiċjenza enerġetika u l-enerġiji rinnovabbli; iqis li dan l-approċċ jippermetti lill-BĊE jaġixxi simultanjament fuq il-fatturi tad-domanda u tal-provvista billi jgħolli r-rati biex inaqqas id-domanda aggregata, filwaqt li fl-istess ħin inaqqas ir-rata tal-imgħax ekoloġika biex fatturi speċifiċi min-naħa tal-provvista jiskansaw issikkar bla bżonn;

Or. en

Emenda 130
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza d-disponibbiltà tal-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni (TPI) bħala għodda biex tiġi miġġielda dinamika tas-suq mhux iġġustifikata u diżordinata li thedded it-

trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro; jissottolinja li l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali jibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri, filwaqt li t-TPI jservi biex jipprevjeni l-kontaġju tas-suq u jissalvagwardja t-trażmissjoni uniformi tal-pożizzjoni monetarja tal-BĊE;

Or. en

Emenda 131
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-BĊE jlesti kompletament il-pjan direzzjonali tal-2021 għal azzjonijiet relatati mal-klima; jappella għall-integrazzjoni ta' data u indikaturi relatati mal-klima, mal-ambjent u mas-sostenibbiltà fl-istatistika tas-SEBĊ, li huma meħtieġa biex jiġi vvalutat l-impatt tal-fatturi klimatiċi, ambjentali u ta' sostenibbiltà usa' fuq il-politika monetarja, l-istabbiltà finanzjarja u l-ekonomija reali;

Or. en

Emenda 132
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jitlob lill-BĊE jagħmel użu sħiħ mill-għodod ta' politika attwali għad-

	dispożizzjoni tiegħu u jqis l-istrumenti kollha tal-politika monetarja mhux konvenzjonali u l-flessibbiltà fil-mandat tiegħu biex jiżgura l-istabbiltà finanzjarja u makroekonomika u jipprovdi biżżejjed likwidità biex jaqdi l-ekonomija reali u s-sistema finanzjarja;

Or. en

Emenda 133
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-mira simetrika ta' madwar 2 % tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta' inflazzjoni qrib iż-żero;	***imħassar***

Or. en

Emenda 134
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-mira simetrika ta' madwar 2 % tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta' inflazzjoni qrib iż-żero;	10. Jinnota li l-mira simetrika ta' madwar 2 % tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta' inflazzjoni qrib iż-żero; ***jitlob rieżami tal-impenn tal-BĊE għal din il-"mira tal-inflazzjoni simetrika", li tista' tħeġġeġ l-inflazzjoni mingħajr bżonn u toħloq distorsjonijiet ekonomiċi;***

Or. en

Emenda 135
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-mira simetrika ta' ***madwar*** 2 % ***tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta' inflazzjoni qrib iż-żero***;	10. Jinnota li l-mira simetrika ta' 2 % ***fuq terminu medju tgħin biex tankra l-aspettattivi anke f'każijiet ta' devjazzjonijiet fuq terminu qasir fiż-żewġ direzzjonijiet***;

Or. en

Emenda 136
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-mira simetrika ta' ***madwar*** 2 % tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta' inflazzjoni qrib iż-żero;	10. Jinnota li l-mira simetrika ta' 2 % tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta' inflazzjoni qrib iż-żero;

Or. en

Emenda 137
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jinnota li*** l-mira simetrika ta' madwar 2 % ***tissemma bħala raġuni biex tiġi mħeġġa l-inflazzjoni fi żminijiet ta'***	10. Jilqa' l-mira simetrika ta' madwar 2 % ***sabiex jiġu indirizzati kemm il-pressjonijiet inflazzjonarji kif ukoll***

inflazzjoni qrib iż-żero;	***deflazzjonarji***;

Or. en

Emenda 138
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jafferma mill-ġdid il-mira simetrika tal-BĊE ta' inflazzjoni ta' 2 % fuq terminu medju bħala l-ankra għall-politika monetarja; jenfasizza li, f'ambjent ta' inċertezza akbar u xokkijiet fil-provvista rikorrenti, l-adozzjoni ta' xenarji ta' politika dipendenti mid-data u approċċ gradwali tista' tgħin biex jiġi minimizzat it-telf tal-produzzjoni filwaqt li tiġi ppreżervata l-kredibbiltà u jinżammu aspettattivi tal-inflazzjoni ankrati sew;

Or. en

Emenda 139
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-BĊE jirrevedi l-mira simetrika tiegħu favur qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fejn l-istabbiltà tal-prezzijiet hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 140
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-BĊE ***jirrevedi l-mira simetrika tiegħu favur*** qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet***, fejn l-istabbiltà tal-prezzijiet hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi***;	11. ***Jieħu nota tas-sejbiet reċenti tal-FMI li l-banek ċentrali li għandhom fil-mira tagħhom l-inflazzjoni bħala medja għollew ir-rati tal-politika tagħhom aktar minn banek ċentrali li ma għandhomx fil-mira tagħhom l-inflazzjoni, filwaqt li ma jiksbux riżultati tal-inflazzjoni aħjar; jaqbel mal-fehma tal-awturi dwar il-ħtieġa li ssir riflessjoni "dwar il-prestazzjoni tal-qafas f'ambjent fejn il-forzi min-naħa tal-provvista għandhom rwol aktar prominenti fl-ixprunar tal-inflazzjoni" u li l-qafas għandu mnejn ikun jeħtieġ adattamenti;*** jistieden lill-BĊE ***jivvaluta jekk*** qafas aktar kwalitattiv ***ikunx aktar adegwat*** għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. en

Emenda 141
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-BĊE ***jirrevedi l-mira simetrika tiegħu favur qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fejn l-istabbiltà*** tal-prezzijiet ***hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-***	11. Jistieden lill-BĊE***, f'konformità mal-Artikolu 127 tat-TFUE, jevalwa l-adegwatezza kontinwa tad-definizzjoni tiegħu tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet ***fid-dawl ta' ċaqliq strutturali kontinwu, inklużi d-diġitalizzazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika***

prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi;	***u x-xejriet demografiċi; iħeġġeġ lill-Bank jistabbilixxi qafas li jħares 'il quddiem u flessibbli li jappoġġja t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, isaħħaħ il-kompetittività tan-negozji Ewropej u jissalvagwardja l-benesseri finanzjarju tal-unitajiet domestiċi***;
	Or. en

Emenda 142
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jistieden*** lill-BĊE jirrevedi l-mira simetrika tiegħu favur qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fejn l-istabbiltà tal-prezzijiet hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi;	11. ***Iħeġġeġ*** lill-BĊE jirrevedi l-mira simetrika tiegħu favur qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fejn l-istabbiltà tal-prezzijiet hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi; ***u li tiffoka fuq iż-żamma tal-kapaċità tal-akkwist tal-flus u tippermetti lill-mekkaniżmi tas-suq jiddeterminaw l-iżviluppi naturali tal-prezzijiet;***
	Or. en

Emenda 143
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-BĊE ***jirrevedi l-mira*** simetrika tiegħu ***favur qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fejn l-istabbiltà tal-prezzijiet***	11. Jistieden lill-BĊE ***jivvaluta perjodikament l-adegwatezza tal-mira*** simetrika tiegħu***, filwaqt li jqis ukoll il-fatturi kwalitattivi***;

hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 144
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-BĊE ***jirrevedi*** l-mira ***simetrika tiegħu favur qafas aktar kwalitattiv għall-protezzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fejn l-istabbiltà tal-prezzijiet hija definita bħala dak l-istat li fih il-bidliet mistennija fil-livell ġenerali tal-prezzijiet ma jbiddlux b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tan-negozju jew tal-unitajiet domestiċi***;	11. Jistieden lill-BĊE ***jivvaluta b'mod kritiku*** l-mira ***tal-inflazzjoni tiegħu, peress li l-mira ta' 2 fil-mija setgħet kienet raġonevoli matul perjodu ta' tkabbir aktar stabbli u fluttwazzjonijiet limitati fir-rata tal-inflazzjoni; jistieden lill-BĊE jivvaluta jekk il-perjodu attwali, ikkaratterizzat minn, fost l-oħrajn, tensjonijiet ġeopolitiċi, tfixkil fil-kummerċ u xokkijiet klimatiċi, jeħtieġx mira tal-inflazzjoni aktar flessibbli***;

Or. en

Emenda 145
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Minħabba l-inċertezza ġeopolitika u finanzjarja attwali u l-impatt ta' reċessjoni ekonomika aktar profonda b'effetti kollaterali għas-sistema bankarja, iwissi dwar ir-riskji kkawżati

	mid-dewmien serju fit-tlestija tat-tielet pilastru tal-unjoni bankarja u jtenni l-appelli tiegħu għat-tlestija rapida tiegħu; jilqa' l-appoġġ dejjiemi tal-BĊE għall-istabbiliment ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) żviluppata bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 146
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 147
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 148
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 149
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 150
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi	***imħassar***

interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;

Or. en

Emenda 151
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 152
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni;	12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni; ***jinnota li t-Trattati ma jiddefinux preċiżament "l-istabbiltà tal-prezzijiet", u jħalluha f'idejn l-istrateġija tal-BĊE stess; jinnota li l-interpretazzjoni uffiċjali attwali tal-BĊE, kif deskritt fl-istrateġija tal-politika monetarja tal-2025, tiddefinixxi l-istabbiltà tal-prezzijiet bħala li żżomm l-inflazzjoni ta' 2 % fuq terminu***

medju (mira tal-inflazzjoni ta' 2 % simetrika);

Or. en

Emenda 153
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata ***bħala stabbiltà tal-livell tal-prezzijiet għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni attwali tal-istabbiltà tal-inflazzjoni***;	12. Jindika li l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fil-mandat, tista' tiġi interpretata ***b'mod differenti; jistieden lill-BĊE jirrieżamina jekk id-definizzjoni attwali tiegħu tal-istabbiltà tal-prezzijiet, pereżempju l-perjodu ta' żmien li fih titkejjel l-istabbiltà tal-prezzijiet bħalissa, teħtieġx li tiġi riveduta***;

Or. en

Emenda 154
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' ***tkun il-konsegwenza tajba tal-progress*** teknoloġiku; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE ***fl-evitar ta' perjodi*** mtawla ***ta' deflazzjoni minħabba żviluppi deficjenti fil-provvista tal-flus***;	13. Jinnota li ***filwaqt li*** d-deflazzjoni tista' ***xi kultant tirriżulta minn progress*** teknoloġiku ***u kisbiet fil-produttività, din tista' wkoll toħloq riskji sinifikanti għall-attività ekonomika u għall-effettività tal-politika monetarja; jissottolinja li deflazzjoni persistenti jew fuq bażi wiesgħa tista' żżid il-piż reali tad-dejn, iddgħajjef l-investiment u l-konsum, u tillimita l-kapaċità tal-bank ċentrali li jipprovdi stimolu effettiv fil-livell inferjuri***; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE ***fil-***

prevenzjoni ta' episodji deflazzjonarji mtawla ***li jirriżultaw minn espansjoni monetarja insuffiċjenti jew dinamika tal-aspettattivi negattiva***;

Or. en

Emenda 155
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun il-konsegwenza ***tajba*** tal-progress teknoloġiku; ***jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' deflazzjoni minħabba żviluppi defiċjenti fil-provvista tal-flus***;	13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun il-konsegwenza tal-progress teknoloġiku; ***jisħaq li d-deflazzjoni żżid il-piż tad-dejn reali, tiskoraġġixxi l-konsum u l-investiment, u żżid ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja; jissottolinja l-importanza tal-viġilanza kontinwa tal-Bank fil-prevenzjoni ta' dinamika deflazzjonarja u fl-iżgurar li l-qafas tal-politika monetarja tiegħu jibqa' jħares 'il quddiem, flessibbli u effettiv fis-salvagwardja tat-tkabbir sostenibbli u l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro***;

Or. en

Emenda 156
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li ***d-deflazzjoni tista' tkun il-konsegwenza tajba tal-progress*** teknoloġiku; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' deflazzjoni minħabba żviluppi defiċjenti fil-provvista	13. Jinnota li ***l-progress*** teknoloġiku ***jista' jwassal għal tnaqqis fil-prezz settorjali jew titjib fil-kwalità bi prezzijiet stabbli, li ma għandux jiġi konfuż ma' deflazzjoni fl-ekonomija kollha; ifakkar li***

tal-flus;	***episodji storiċi ta' deflazzjoni ħabtu ma' kriżijiet ekonomiċi u soċjali ewlenin***; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' deflazzjoni minħabba żviluppi defiċjenti fil-provvista tal-flus;

Or. en

Emenda 157
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun ***il-konsegwenza tajba tal-progress*** teknoloġiku; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi ***mtawla*** ta' deflazzjoni ***minħabba żviluppi defiċjenti fil-provvista tal-flus***;	13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun ***konsegwenza tal-iżvilupp*** teknoloġiku ***iżda li din tagħmel ħsara lill-ekonomija billi żżid pożijiet tad-dejn reali***; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi ta' deflazzjoni ***permezz ta' użu xieraq tas-sett ta' għodod tal-politika monetarju tiegħu; jirrikonoxxi r-rwol tal-politika fiskali biex tgħin fil-prevenzjoni tad-deflazzjoni***;

Or. en

Emenda 158
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun il-konsegwenza tajba tal-progress teknoloġiku; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' deflazzjoni minħabba żviluppi defiċjenti fil-provvista tal-flus;	13. Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun il-konsegwenza tajba tal-progress teknoloġiku***, u b'hekk iżżid l-istandards tal-għajxien ġenerali***; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' deflazzjoni minħabba żviluppi defiċjenti fil-provvista tal-flus;

Or. en

Emenda 159
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jinnota li d-deflazzjoni tista' tkun il-konsegwenza tajba tal-progress teknoloġiku;*** jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' ***deflazzjoni*** minħabba ***żviluppi deficjenti fil-provvista tal-flus***;	13. Jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-evitar ta' perjodi mtawla ta' ***devjazzjonijiet mill-mira*** minħabba ***kwalunkwe raġuni jew min-naħa tal-provvista jew tad-domanda***;

Or. en

Emenda 160
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli; ***jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE jistgħu jwasslu għal interferenza eċċessiva tal-BĊE fil-funzjonament tas-swieq finanzjarji; jistieden lill-BĊE jikkondividi aktar għarfien dwar l-impatt tal-programmi ta' xiri fuq il-funzjonament tas-swieq finanzjarji, inkluż l-impatt fuq il-fondi tal-pensjonijiet u l-kooperazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet;***

Or. en

Emenda 161
Irene Tinagli, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jisħaq*** li l-programmi ta' xiri ***tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss*** matul ***perjodi ta' kriżi***; jinnota li ***l-BĊE beda jnaqqas il-karta*** tal-bilanċ ***tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss***; ***jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli***;	14. ***Jinnota*** li l-programmi ta' xiri ***ta' assi u l-operazzjonijiet ta' self immirat kellhom rwol importanti fl-appoġġ ta-trażmissjoni monetarja u l-istabbiltà finanzjarja matul kriżijiet tal-passat; jilqa', f'dan il-kuntest, id-deċiżjoni tal-BĊE li jafferma mill-ġdid is-supremazija tar-rati ta' politika bħala l-istrument ewlieni tal-politika monetarja, filwaqt li jiddefinixxi l-miżuri tal-karta tal-bilanċ bħala għodod sekondarji u komplementari li għandhom jintużaw meta jkun ġġustifikat***; jinnota li ***t-tnaqqis gradwali tal-karta*** tal-bilanċ ***jikkontribwixxi għan-normalizzazzjoni tal-politika monetarja filwaqt li jippreżerva l-flessibbiltà biex jiġu indirizzati x-xokkijiet futuri***;

Or. en

Emenda 162
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki ***mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***politiki li jqajmu dubji kbar u li jdgħajfu l-prinċipju tad-dominanza monetarja billi jiffinanzjaw indirettament infiq tal-gvern eċċessiv permezz tal-manipulazzjoni 'l isfel tal-prezzijiet tal-***

jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;	***bonds u għalhekk il-kostijiet tad-dejn għad-detriment tal-istabbiltà tal-prezzijiet futuri u, konsegwentement, il-ġid u l-kapaċità tal-akkwist reali tal-popolazzjoni kollha taż-żona tal-euro***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;

Or. en

Emenda 163
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***politiki*** mhux konvenzjonali li ***huma applikabbli biss*** matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***għodod tal-politika*** mhux konvenzjonali li ***jiġu b'effetti sekondarji u għandhom jiġu applikati biss*** matul perjodi ta' kriżi***; jinnota b'mod partikolari li l-programmi ta' xiri ta' assi jistgħu joħolqu distorsjoni fis-sinjali tal-prezzijiet***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;

Or. en

Emenda 164
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jisħaq*** li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***politiki mhux konvenzjonali li***	14. ***Jinnota*** li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***parti mis-sett ta' għodod tal-***

huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu***, iżda gradwalment ħafna biss***; ***jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;***

politika monetarja tal-BĊE; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu;

Or. en

Emenda 165
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu***, iżda gradwalment ħafna biss***; ***jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;***	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma ***parti mill-mandat tal-politika monetarja tal-Bank***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu;

Or. en

Emenda 166
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali ***li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi***; jinnota li l-BĊE ***beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex*** ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali; jinnota li l-BĊE ***qed*** ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;

Or. en

Emenda 167
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma ***applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu***, iżda*** gradwalment ***ħafna biss***; ***jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;***	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma ***parti mis-sett ta' għodod tal-BĊE***; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu gradwalment;

Or. en

Emenda 168
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; ***jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli***;	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; ***josserva li l-BĊE jista' jixtri titoli ta' dejn fis-suq sekondarju jekk dan ikun meħtieġ biex isegwi l-għanijiet tiegħu***;

Or. it

Emenda 169
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli;	14. Jisħaq li l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi; jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli ***u distorsjonijiet tas-suq sussegwenti***;

Or. en

Emenda 170
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li ***l-programmi ta' xiri tal-BĊE huma politiki mhux konvenzjonali li huma applikabbli biss matul perjodi ta' kriżi***; ***jinnota li l-BĊE beda jnaqqas il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda gradwalment ħafna biss; jappoġġja lill-BĊE biex ikompli jnaqqas ir-rwol dirett tiegħu fix-xiri tat-titoli***;	14. Jisħaq li ***l-Kunsill Governattiv jista' juża strumenti oħra minbarra r-rati tal-imgħax, inkluż ix-xiri ta' assi, biex imexxi l-pożizzjoni tal-politika monetarja meta r-rati tal-politika jkunu qrib il-livell inferjuri jew biex jippreżerva l-funzjonament bla xkiel tat-trażmissjoni tal-politika monetarja***;

Or. en

Emenda 171
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jilqa' l-fatt li l-portafoll tal-assi

fil-programmi ta' xiri tal-BĊE ilu fuq xejra ta' tnaqqis mill-2023, u b'hekk tnaqqas l-eċċess ta' likwidità fis-suq;

Or. en

Emenda 172
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jilqa' l-istabbiliment f'Lulju 2022 tal-istrument għall-protezzjoni tat-trażmissjoni, li jagħmilha possibbli li tiġi żgurata t-trażmissjoni xierqa tal-politika monetarja f'kull pajjiż tal-UEM, u b'hekk jiġu evitati riskji addizzjonali ta' frammentazzjoni fi żminijiet ta' stress finanzjarju, li jirriżultaw f'valutazzjonijiet tal-assi li jitbiegħdu mill-valuri fundamentali tagħhom; ifakkar fil-kundizzjonalità tal-applikazzjoni ta' dan l-istrument dwar konformità stretta mar-regoli fiskali, is-sostenibbiltà fiskali, in-nuqqas ta' żbilanċi makroekonomiċi u politiki makroekonomiċi sostenibbli;

Or. en

Emenda 173
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jiddispjaċih*** li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE ***fil-bidċa l-kbira spostaw is-suq privat tal-finanzjament*** interbankarju; ***jistieden*** lill-BĊE ***jevita li jħallas rati*** ta' depożitu ***tal-banek li huma***	15. ***Jinnota li s-suq interbankarju esperjenza funzjonament ħażin qabel ma l-BĊE introduċa l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq skala kbira tiegħu, peress li r-riskju ogħla għall-***

ogħla mir-rati tas-suq***, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa***;	***kontropartijiet, il-frammentazzjoni finanzjarja u l-ħżin eċċessiv ta' likwidità wasslu għal tnaqqis qawwi fl-attività interbankarja mhux iggarantita; jissottolinja, għalhekk,*** li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE ***kienu strumentali biex jirrestawraw il-funzjonament tas-suq u jiżguraw it-trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja; jisħaq li dawn il-faċilitajiet jikkomplementaw, aktar milli jispostaw, il-finanzjament*** interbankarju ***privat, u jħeġġeġ*** lill-BĊE ***jkompli jikkalibra r-rati*** ta' depożitu ***u ta' self tiegħu b'mod li jappoġġja kundizzjonijiet*** tas-suq ***ordnati u kompetizzjoni effettiva***;
	Or. en

Emenda 174
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jiddispjaċih*** li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE ***fil-bidu l-kbira spostaw is-suq*** privat tal-finanzjament interbankarju; ***jistieden lill-BĊE jevita li jħallas rati ta' depożitu tal-banek li huma ogħla mir-rati*** tas-suq***, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa***;	15. ***Jinnota*** li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE ***kkontribwew għall-istabbiltà finanzjarja, għal trażmissjoni tal-politika monetarja aktar faċli u għal tnaqqis fil-volatilità tas-suq matul perjodi ta' stress; jirrikonoxxi wkoll li dan l-iżvilupp sposta s-suq*** privat tal-finanzjament interbankarju; ***jissottolinja, madankollu, l-importanza li tiġi rrestawrata attività interbankarja li tiffunzjona tajjeb fuq terminu medju sabiex tissaħħaħ id-dixxiplina*** tas-suq***, tittejjeb l-effiċjenza fl-allokazzjoni tal-likwidità u titnaqqas id-dipendenza strutturali mill-BĊE***;
	Or. en

Emenda 175
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jiddispjaċih li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE fil-biċċa l-kbira spostaw is-suq privat tal-finanzjament interbankarju;*** jistieden lill-BĊE ***jevita li jħallas rati ta' depożitu tal-banek li huma ogħla mir-rati tas-suq, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa***;	15. Jistieden lill-BĊE ***jieħu miżuri biex ineħħi kwalunkwe ostaklu li jxekkel l-irkupru ta' swieq interbankarji mhux garantiti fuq terminu qasir li tnaqqsu ħafna mill-Kriżi Finanzjarja l-Kbira***;

Or. en

Emenda 176
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jiddispjaċih*** li ***l-iskemi ta' self fuq terminu qasir*** tal-BĊE ***fil-biċċa l-kbira spostaw is-suq*** privat tal-finanzjament interbankarju; jistieden lill-BĊE ***jevita li jħallas rati ta' depożitu tal-banek li huma ogħla mir-rati tas-suq, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa***;	15. ***Jinnota*** li ***l-operazzjonijiet fuq terminu twil*** tal-BĊE ***parzjalment naqqsu s-suq*** privat tal-finanzjament interbankarju ***mhux garantit***; jistieden lill-BĊE ***jikkunsidra jżid ir-rekwiżiti tar-riżerva minima mhux remunerata għall-banek biex jitrażżnu l-profitti żejda***;

Or. en

Emenda 177
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jiddispjaċih*** li l-iskemi ta' self fuq terminu ***qasir*** tal-BĊE ***fil-bidu l-kbira*** spostaw ***is-suq*** privat tal-finanzjament interbankarju; jistieden lill-BĊE jevita li jħallas rati ta' depożitu tal-banek li huma ogħla mir-rati tas-suq***, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa***;	15. ***Jinnota*** li l-iskemi ta' self fuq terminu ***twil*** tal-BĊE spostaw ***parti mis-suq*** privat tal-finanzjament interbankarju; jistieden lill-BĊE jevita li jħallas rati ta' depożitu tal-banek li huma ogħla mir-rati tas-suq***; jistieden lill-BĊE jikkunsidra jżid ir-rekwiżiti tar-riżerva minimi għall-banek***;

Or. en

Emenda 178
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jiddispjaċih*** li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE ***fil-bidu l-kbira*** spostaw is-suq privat tal-finanzjament interbankarju; ***jistieden lill-BĊE jevita li jħallas rati ta' depożitu tal-banek li huma ogħla mir-rati*** tas-suq***, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa***;	15. ***Jinnota*** li l-iskemi ta' self fuq terminu qasir tal-BĊE spostaw is-suq privat tal-finanzjament interbankarju; ***jenfasizza l-importanza li r-rati tal-faċilitajiet ta' depożitu jiġu allinjati mar-rati prevalenti*** tas-suq ***biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni effettiva tal-politika monetarja***;

Or. en

Emenda 179
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jilqa' l-fatt, li minn Settembru 2023, ir-riżervi minimi huma remunerati b'0 %; jissottolinja li l-banek kummerċjali

	jkomplu jipperċepixxu l-imgħax għar-riżervi miżmuma fil-BĊE 'l fuq mir-riżervi minimi meħtieġa mingħajr kwalunkwe limitu, li jista' jiġġenera profitti mhux mistennija li ma jkunux inkisbu; jistieden lill-BĊE jesplora rati tal-imgħax differenzjati biex jimmitiga din il-kwistjoni;

Or. en

Emenda 180
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati standards għoljin dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-kollateral fl-arranġamenti ta' self mal-BĊE;	16. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati standards għoljin dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-kollateral fl-arranġamenti ta' self mal-BĊE; ***jilqa' l-integrazzjoni li jmiss ta' fattur klimatiku fil-qafas tal-kollateral tas-sistema tal-Euro, filwaqt li jirrikonoxxih bħala pass kruċjali biex jiġu ġestiti aħjar ir-riskji finanzjarji relatati mal-klima u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja;***

Or. en

Emenda 181
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati standards għoljin dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-kollateral fl-arranġamenti	16. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati standards għoljin dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-kollateral fl-arranġamenti

ta’ self mal-BĊE;	ta’ self mal-BĊE; ***jirrikonoxxi li l-valur tal-kollateral huwa sensittiv għall-kriżi klimatika; jilqa’ d-deċiżjoni tal-BĊE biex jintroduċi “fattur klimatiku” li jista’ jnaqqas il-valur assenjat lil assi eliġibbli mirhuna bħala kollateral mill-2026;***

Or. en

Emenda 182
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati standards għoljin dwar ir-rekwiżiti ta’ kwalità għall-kollateral fl-arranġamenti ta’ self mal-BĊE;	16. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati standards għoljin dwar ir-rekwiżiti ta’ kwalità għall-kollateral fl-arranġamenti ta’ self mal-BĊE; ***jirrikonoxxi li l-istandards tal-kollateral jistgħu jintużaw bħala għodda għat-trażmissjoni tal-politika monetarja;***

Or. en

Emenda 183
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex jinkludi akkomodazzjoni okkupata mis-sidien fil-monitoraġġ tiegħu tal-indiċijiet tal-prezzijiet għal raġunijiet kemm ta’ rappreżentattività kif ukoll ta’ komparabbiltà madwar il-pajjiżi fiż-żona tal-euro;	***imħassar***

Or. en

Emenda 184
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex jinkludi akkomodazzjoni okkupata mis-sidien fil-monitoraġġ tiegħu tal-indiċijiet tal-prezzijiet għal raġunijiet kemm ta' rappreżentattività kif ukoll ta' komparabbiltà madwar il-pajjiżi fiż-żona tal-euro;	17. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex jinkludi akkomodazzjoni okkupata mis-sidien fil-monitoraġġ tiegħu tal-indiċijiet tal-prezzijiet għal raġunijiet kemm ta' rappreżentattività kif ukoll ta' komparabbiltà madwar il-pajjiżi fiż-żona tal-euro***, soġġett għal approċċ armonizzat u metodoloġikament robust li jevita distorsjonijiet proċikliċi u jippreżerva l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi***;

Or. en

Emenda 185
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jirrimarka li l-perjodu mtawwal ta' rati tal-imgħax baxxi u żero matul l-aħħar għaxar snin dgħajjef il-"qerda kreattiva" u l-evoluzzjoni ekonomika, peress li impedixxa lill-kumpaniji ineffiċjenti milli jiġi mġiegħla joħorġu mis-suq, minħabba li setgħu jibqgħu għaddejjin bl-attività tagħhom billi jieħdu self irħis ħafna, li fl-aħħar mill-aħħar ikkontribwixxa għan-nuqqas ta' kompetittività tal-ekonomija tal-UE, minħabba li dan dgħajjef dan il-proċess ekonomiku evoluzzjonarju vitali u wassal biex il-kumpaniji ineffiċjenti ħafna ("Kumpaniji żombi") jorbtu r-riżorsi materjali u umani li altrimenti kienu

jisparixxu mis-suq żmien ilu;

Or. en

Emenda 186
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota li l-impatt tal-issikkar tal-politika monetarja jvarja f'setturi u ditti ekonomiċi differenti, u jiddependi fil-biċċa l-kbira mis-sensittività tagħhom għal bidliet fil-kostijiet kapitali u r-rata tal-imgħax; jistieden lill-BĊE jwettaq u jippubblika analiżi settorjali dettaljata tal-effetti inflazzjonarji u makorekonomiċi taż-żieda fl-investimenti strateġiċi, speċjalment dawk relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u l-awtonomija tal-enerġija, u l-kontribut potenzjali tagħhom għall-istabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu qasir u medju;

Or. en

Emenda 187
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota li r-rieżami tal-2025 tal-BĊE ma indirizzax xi kwistjonijiet li ilhom jeżistu fil-qafas tal-kollateral, inkluża d-dipendenza parzjali mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni u r-riskju ta' "effetti ta' preċipizju" proċikliċi għall-bonds sovrani qrib il-limitu tal-grad ta' investiment; jistieden lill-BĊE jkompli

jiċċara l-approċċ tiegħu għall-eliġibbiltà tal-kollateral u derogi diskrezzjonarji sabiex tingħata ċertezza akbar lis-swieq u jiġu evitati perċezzjonijiet potenzjali ta' politiċizzazzjoni;

Or. en

Emenda 188
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-BĊE jsaħħaħ l-enfasi analitika tiegħu fuq l-eteroġeneità tal-inflazzjoni u t-trażmissjoni tal-kreditu fl-Istati Membri, filwaqt li jiżgura li l-politika monetarja tappoġġja l-konverġenza ekonomika u ma tiggravax id-diverġenzi strutturali fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 189
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. Jissuġġerixxi li t-tbassir tal-BĊE, li jevalwa l-impatt inflazzjonarju tal-proposti tal-politika tal-UE, għandu jikkunsidra l-effetti potenzjali ta' għodod monetarji differenti, li jistgħu jimmitigaw l-impatt negattiv preżunt ta' tali politiki fiskali fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. en

Emenda 190
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17e. Jirrikonoxxi r-riċerka tal-BĊE dwar il-konsegwenzi ta' nfiq fid-difiża akbar fuq it-tkabbir ekonomiku u l-inflazzjoni, kif ippubblikat fil-Bullettin Ekonomiku tal-BĊE, Ħarġa 6/2025; jissuġġerixxi li l-BĊE jikkunsidra wkoll il-konsegwenzi potenzjali ta' nfiq fid-difiża akbar, inkluża valutazzjoni tas-saħħa tas-suq u kwistjonijiet tal-katina tal-provvista;

Or. en

Emenda 191
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17f. Jesprimi tħassib dwar il-problemi rrapportati għall-ekonomisti tal-BĊE li s-sejbiet tar-riċerka tagħhom jikkontradixxu l-fehmiet ta' individwi aktar anzjani fil-bank ċentrali, kif irrapportat minn Financial Times: "[Il-President tal-Kunsill tax-Xogħol tal-BĊE Carlos] Bowles qal lil Börsen-Zeitung li dan jista' joħloq problemi għall-ekonomisti tal-BĊE li s-sejbiet tar-riċerka tagħhom imorru kontra l-fehmiet ta' individwi aktar anzjani fil-bank ċentrali.";

Or. en

Emenda 192
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17g. Jinnota li Christine Lagarde kkummentat dwar id-deċiżjoni tal-Gvern Ġermaniż li jżid in-nefqa tal-gvern; jissuġġerixxi li tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika bejn il-politika monetarja u l-politika fiskali biex jintlaħqu l-miri ekonomiċi tal-istabbiltà tal-prezzijiet, l-okkupazzjoni sħiħa u t-tkabbir ekonomiku;

Or. en

Emenda 193
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17h. Jissuġġerixxi li l-BĊE jinvestiga l-użu ta' stokkijiet ta' riżerva fir-rigward tal-"karbonflazzjoni", peress li għadd limitat ta' setturi jiġu identifikati bħala kontributuri primarji għal dan il-fenomenu;

Or. en

Emenda 194
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Objettivi sekondarji	***L-appoġġ tal-politiki ekonomiċi ġenerali fl-UE***

Or. en

Emenda 195
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 196
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 197
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

18. Ifakkar li ***s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja***;	18. Ifakkar li***, mingħajr preġudizzju għall-objettiv ta' stabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE għandu jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni bl-għan li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***;

Or. en

Emenda 198
Vlad Vasile-Voiculescu, Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li ***s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja***;	18. Ifakkar li***, skont l-Artikolu 127(1) tat-TFUE, il-Bank Ċentrali Ewropew huwa meħtieġ jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni sabiex javvanza l-objettivi tal-Artikolu 3 tat-TUE, dment li dan ma jikkompromettix l-objettiv primarju tiegħu tal-istabbiltà tal-prezzijiet***;

Or. en

Emenda 199
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja; ***jenfasizza li ż-żamma tar-reżiljenza tas-sistema tal-Euro tirrikjedi li l-BĊE jkun istituzzjoni prevedibbli, trasparenti u kredibbli, filwaqt li jirrispetta l-obbligu ta' rendikont demokratiku mingħajr ma jikkompromett l-indipendenza tiegħu;***

Or. en

Emenda 200
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja; ***ifakkar li l-BĊE ħabbar aktar minn għoxrin sena ilu li se jsegwi t-tradizzjoni tal-Bundesbank Ġermaniż, wegħda li għad trid tiġi ssodisfata;***

Or. en

Emenda 201
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja; ***jenfasizza li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri biex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni;***

Or. en

Emenda 202
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja; ***jafferma mill-ġdid li dan il-prinċipju jrid jeskludi kwalunkwe subordinazzjoni tal-politika monetarja għall-objettivi fiskali, soċjali jew klimatiċi;***

Or. en

Emenda 203
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja;	18. Ifakkar li s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja; ***ifakkar li dan ifisser li l-politiki fiskali jsegwu l-politika monetarja;***

Or. en

Emenda 204
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jenfasizza li l-objettivi sekondarji tal-BĊE, li huma legalment vinkolanti flimkien mal-mandat primarju tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet, jinkludu l-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku bbilanċjat u sostenibbli, l-appoġġ ta' ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna mmirata għal okkupazzjoni sħiħa u progress soċjali, kif ukoll it-trawwim tal-konverġenza u livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent;

jissottolinja li dawn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, konverġenza, okkupazzjoni sħiħa u progress soċjali huma objettivi ġenerali tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew (TUE);

Or. en

Emenda 205
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jinnota ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tad-deheb, li tenfasizza nuqqas ta' kredibbiltà tal-prinċipju ta' dominanza monetarja kif ukoll nuqqas ta' fiduċja dejjem akbar tal-banek ċentrali tad-dinja lejn il-muniti ta' riżerva tal-Punent, id-Dollaru u l-Euro;

Or. en

Emenda 206
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob lill-BĊE jkompli jkollu rwol ta' appoġġ fis-swieq tad-dejn sovran u jinnota li t-tbegħid mill-pożizzjoni ta' ġeneratur tas-suq potenzjali tista' twassal għal qawmien mill-ġdid tal-kriżi taż-żona tal-euro tal-bidu tas-snin 2010;

Or. en

Emenda 207
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Ifakkar li skont it-trattat, il-BĊE għandu jappoġġja biss il-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni, jekk tali azzjonijiet ma jmorrux kontra l-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. en

Emenda 208
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Ifakkar li l-obbligu tal-BĊE li jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni huwa dmir legali, mhux għażla;

Or. en

Emenda 209
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jargumenta kontra miżuri tal-BĊE li jipprevedu trattament mhux ugwali tal-Istati Membri, b'mod partikolari miżuri li juru sinjali ta' kontroll fuq id-differenza fir-rendimenti tal-bonds;

Or. en

Emenda 210
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jinnota li l-bilanċi tat-Target 2 huma sempliċiment riflessjoni kontabilistika tal-iżbilanċi ekonomiċi fiż-żona tal-euro u ma jikkostitwixxux djun bejn il-pajjiżi;

Or. en

Emenda 211
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jissuġġerixxi li l-BĊE jinvestiga l-konsegwenzi ta' rati tal-imgħax ogħla, bħal pagamenti ipotekarji u tal-imgħax akbar fuq il-bonds tal-gvern, għall-objettivi sekondarji tiegħu u kif dawn il-konsegwenzi jistgħu jiġu mmitigati;

Or. en

Emenda 212
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	18d. Jissuġġerixxi li l-BĊE jeżamina l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi għall-impjieg u l-istabbiltà tal-prezzijiet tat-tnaqqis fl-infiq tal-gvern u ż-żidiet fir-rata tax-taxxa, b'mod partikolari meta dawn jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE;

Or. en

Emenda 213
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 214
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi ***minkejja*** ambjent ta' rata tal-imgħax għolja;	19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi ***bħala fattur kruċjali biex jiġi ffaċċjat*** ambjent ta' rata tal-imgħax għolja ***u jiġi ġġenerat tkabbir ekonomiku, peress li dawn ikattru l-fiduċja fl-istabbiltà makroekonomika u jiffaċilitaw ambjent li jheġġeġ l-investiment u l-ħolqien ta' impjiegi***; ***itenni l-ħtieġa li l-Istati Membri jippromwovu r-***

responsabbiltà fiskali;

Or. es

Emenda 215
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja;	19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja; ***jirrikonoxxi li l-frammentazzjoni fiskali tista' tirrappreżenta riskju finanzjarju, speċjalment meta kemm is-swieq kapitali kif ukoll is-settur bankarju jkunu frammentati; jinnota l-importanza ta' konformità stretta mar-regoli fiskali biex jinżamm l-ispazju fiskali u jiġu pprevenuti pressjonijiet inflazzjonarji addizzjonali;***

Or. en

Emenda 216
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja;	19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi ***u sostenibbli*** minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja ***u li jipprovdu biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati x-xokkijiet ekonomiċi u finanzjarji***;

Or. en

Emenda 217
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja;	19. Jenfasizza, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja ambjent ta' rata tal-imgħax għolja ***u li jtejbu r-reżiljenza ġenerali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja***;

Or. en

Emenda 218
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza***, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, l-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi minkejja*** ambjent ta' rata tal-imgħax għolja;	19. Jenfasizza ***l-impatt ta'*** ambjent ta' rata tal-imgħax għolja ***fuq il-kostijiet ta' rifinanzjament għall-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 219
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

19a. Jissottolinja l-opportunità li jiġu introdotti strumenti ta' dejn komuni tal-Unjoni, bħall-Eurobond, maħruġa taħt is-superviżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif enfasizzat ukoll fir-rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, bħala l-uniku mod biex jiġu indirizzati l-isfidi futuri tal-Ewropa u tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha, iżda wkoll biex jissaħħu l-koeżjoni ekonomika u l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro; jemmen li dawn l-istrumenti jistgħu jikkontribwixxu biex jitnaqqas il-kost tad-dejn għall-pajjiżi b'vulnerabbiltà finanzjarja akbar, filwaqt li fl-istess ħin jinkoraġġixxu żieda fl-investimenti strateġiċi fl-innovazzjoni, l-ekonomija ekoloġika u s-sigurtà tal-enerġija;

Or. it

Emenda 220
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza l-importanza partikolari tal-Parlament fir-rispett tal-kriterji ta' konverġenza, peress li l-pubbliku huwa l-aktar parti kkonċernata importanti tagħhom; jirrikonoxxi f'dan il-kuntest li l-Parlament jeħtieġlu jammetti n-nuqqasijiet tiegħu f'dan ir-rigward, peress li l-konformità mal-kriterji ta' spiss għandha tintalab b'mod aktar qawwi;

Or. en

Emenda 221
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jinnota li l-Perspettiva Ekonomika Dinjija tal-2025 tal-FMI tirrakkomanda li ż-żona tal-euro tissalvagwardja l-indipendenza tal-BĊE, tallinja aħjar il-politiki fiskali u monetarji, u ssaħħaħ is-superviżjoni finanzjarja biex jiġi nnavigat ambjent ta' diżinflazzjoni fraġli u tiġi pprevenuta l-instabbiltà futura;

Or. en

Emenda 222
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li t-Trattati tal-UE jobbligaw lill-BĊE jappoġġja l-politiki ekonomiċi usa' tal-Unjoni, dment li dan ma jippreġudikax l-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet; ifakkar li l-mandat sekondarju huwa ugwalment legalment vinkolanti daqs l-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. en

Emenda 223
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li ambjent

makroekonomiku stabbli u politika monetarja prevedibbli huma essenzjali għall-investiment privat u t-tkabbir fuq terminu twil; jistieden lill-BĊE jikkomunika l-perkors tal-politika tiegħu b'mod ċar biex titnaqqas l-inċertezza għall-investituri u l-intraprendituri;

Or. en

Emenda 224
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli;

Or. en

Emenda 225
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jissottolinja li l-promozzjoni ta' suq kapitali Ewropew aktar integrat, kif ukoll il-ħtieġa tal-ġbir ta' riżorsi ġodda għall-finanzjament ta' investimenti strateġiċi għall-kompetittività, is-sigurtà u l-indipendenza tal-Ewropa, jirrikjedu impenn konġunt bejn il-BĊE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex gradwalment jikkondividu r-riskju sovran

	u jiksbu integrazzjoni fiskali akbar f'konformità mal-prinċipji ta' responsabbiltà u solidarjetà previsti fit-Trattati;

Or. it

Emenda 226
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jenfasizza, fil-kuntest tal-kriterji ta' konverġenza, u anke fid-dawl tal-aktar membru ġdid taż-żona tal-euro, in-nuqqas ta' diliġenza parlamentari fil-valutazzjoni tar-rapport ta' konverġenza dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija maż-żona tal-euro, minħabba li, ftit xhur wara d-deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija, l-eks ministru għall-finanzi tal-partit fil-gvern tal-Bulgarija ammetta li d-defiċit tal-gvern reali din is-sena mhuwiex ta' 3 %, iżda bejn 5 u 6 % u huwa stmat li jilħaq it-8 % għall-2026;

Or. en

Emenda 227
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	***imħassar***

Or. it

Emenda 228
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 229
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 230
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

20. Jistieden lill-BĊE jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 231
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 232
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE ***jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu***;	20. ***Jisħaq li l-politika monetarja għandha topera f'qafas li jippermetti investiment fuq terminu twil fil-produttività, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali;*** jistieden lill-BĊE ***jesplora kif il-politiki ta' rifinanzjament tal-operazzjonijiet u tal-kollateral tiegħu jistgħu jiffaċilitaw l-iskalar ta' teknoloġiji Ewropej strateġiċi, filwaqt li tinżamm in-newtralità tas-suq u s-soliditá finanzjarja***;

Or. en

Emenda 233
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Jistieden lill-BĊE jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu*** fis-swieq tad-dejn sovran***; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu***;	20. ***Jinnota li l-interventi tal-BĊE*** fis-swieq tad-dejn sovran ***kienu essenzjali biex jippreżervaw it-trażmissjoni uniformi tal-politika monetarja u jipprevjenu l-frammentazzjoni finanzjarja; jistieden lill-BĊE jiżgura li tali miżuri jibqgħu proporzjonati u konsistenti bis-sħiħ mal-mandat tal-istabbiltà tal-prezzijiet tiegħu***;

Or. en

Emenda 234
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE ***jnaqqas drastikament*** ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; ***jiddispjaċih dwar l-impatt*** inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	20. Jistieden lill-BĊE ***jtemm*** ir-rwol tiegħu fis-swieq tad-dejn sovran; ***jesprimi dispjaċir għall-impatt*** inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-interventi persistenti tal-BĊE fis-swieq tal-bonds tal-gvern jagħmlu d-differenzi bejn il-politika monetarja u dik fiskali inqas evidenti u joħolqu periklu morali għall-Istati Membri b'dejn eċċessiv;***

Or. en

Emenda 235
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-BĊE ***jnaqqas drastikament ir-rwol tiegħu fis-swieq*** tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;	20. Jistieden lill-BĊE ***jelimina b'mod gradwali u sistematiku l-programmi tiegħu għall-akkwist*** tad-dejn sovran; jiddispjaċih dwar l-impatt inibittiv tal-pożizzjoni fiskali fuq it-twettiq mill-BĊE tal-mandat primarju tiegħu;

Or. de

Emenda 236
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jissottolinja li l-BĊE ma għandux jieħu rwol dejjem akbar fi kwistjonijiet fiskali, speċjalment fid-dawl tal-involviment dejjem jikber tiegħu fix-xiri u l-politiki tad-dejn tal-gvern;

Or. en

Emenda 237
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq li rati tal-imgħax differenti fiż-żona tal-euro huma ġeneralment ir-riżultat ta' primjums tar-riskju differenti fuq il-bonds tal-gvern, li jirriflettu approċċi differenti għall-politika fiskali;

Or. en

Emenda 238
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jesprimi tħassib dwar bilanċi tat-TARGET2 diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 239
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jesprimi tħassib dwar bilanċi tat-TARGET2 diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 240
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jesprimi tħassib dwar bilanċi tat-TARGET2 diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 241
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jesprimi tħassib dwar bilanċi*** tat-TARGET2 ***diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja*** ħruġ ta' kapital ***jew defiċits kummerċjali persistenti***;	21. Jesprimi tħassib dwar ***l-iżbilanċi persistenti u dejjem akbar fil-bilanċi*** tat-TARGET2***, li, lil hinn mill-kwistjonijiet tekniċi ta' likwidità, jindikaw diverġenzi strutturali fil-kontijiet kurrenti u*** ħruġ ta' kapital ***bejn l-Istati Membri***; ***jenfasizza li l-finanzjament kontinwu ta' tali żbilanċi permezz tal-Eurosistema joħloq diżinċentivi ekonomiċi u jista' jinvolvi r-riskju ta' ridistribuzzjoni moħbija tar-riskji bejn il-banek ċentrali nazzjonali; jistieden lill-BĊE janalizza l-kawżi ta' dawn l-iżbilanċi b'mod sistematiku u jivvaluta l-għażliet ta' riforma għas-sistema TARGET2***;

Or. de

Emenda 242
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jesprimi tħassib dwar*** bilanċi tat-TARGET2 diverġenti ***bħala*** konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li ***mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti***;	21. ***Jinnota li*** bilanċi tat-TARGET2 diverġenti ***huma primarjament sintomu tal-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE u b'mod sekondarju*** konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li ***t-tneħħija gradwali progressiva tal-politika monetarja mhux konvenzjonali se tikkontribwixxi bil-mod u marġinalment biex tnaqqas l-iżbilanċi tat-TARGET2; ifakkar li bilanċi tat-TARGET2 diverġenti ma joħolqu l-ebda riskju finanzjarji iżda minflok jistgħu jkunu indikatur ta' x'qed jiġri fl-ekonomija***;

Or. en

Emenda 243
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jesprimi tħassib dwar bilanċi tat-TARGET2 diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti;	21. Jesprimi tħassib ***profond*** dwar bilanċi tat-TARGET2 diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti; ***iwissi li tali żbilanċi jikxfu difetti strutturali profondi fl-arkitettura taż-żona tal-euro u jenfasizzaw ir-riskji inerenti f'unjoni monetarja li mhijiex żona tal-munita ottimali;***

Or. en

Emenda 244
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jesprimi tħassib dwar bilanċi*** tat-TARGET2 ***diverġenti*** bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li ***mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali*** persistenti;	21. ***Jirrikonoxxi d-diverġenza fil-bilanċi*** tat-TARGET2 bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti; jinnota li ***bilanċi tat-TARGET2 diverġenti jirriflettu żbilanċi ekonomiċi*** persistenti ***fiż-żona tal-euro***; ***jisħaq fuq l-importanza ta' riformi strutturali u politiki ekonomiċi xierqa biex jiġu indirizzati dawn l-iżbilanċi;***

Or. en

Emenda 245
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jesprimi tħassib dwar bilanċi*** tat-TARGET2 ***diverġenti bħala konsegwenza mhux intenzjonata tar-reġim ta' riżerva abbundanti***; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti;	21. ***Jinnota li l-bilanċi*** tat-TARGET2 ***jirriflettu flussi ta' pagamenti transfruntiera fis-sistema tal-Euro minflok trasferimenti fiskali jew finanzjament tal-kapital***; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti;

Or. en

Emenda 246
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

21. ***Jesprimi tħassib dwar bilanċi*** tat-TARGET2 diverġenti bħala konsegwenza ***mhux intenzjonata*** tar-reġim ta' riżerva abbundanti***; jinnota li mhuwiex il-kompitu tal-BĊE li jiffinanzja ħruġ ta' kapital jew defiċits kummerċjali persistenti***;	21. ***Jinnota li l-bilanċi*** tat-TARGET2 diverġenti ***ħarġu*** bħala konsegwenza ***teknika*** tar-reġim ta' riżerva abbundanti ***u tas-sistema ta' saldu tal-pagamenti deċentalizzata tas-sistema tal-Euro***;

Or. en

Emenda 247
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-BĊE jappoġġja t-tlestija tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali bħala oqfsa essenzjali għat-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, għall-appoġġ għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' sistema finanzjarja aktar reżiljenti fiż-żona tal-euro;

Or. it

Emenda 248
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jinnota r-rwol tal-BĊE u tas-SEBĊ biex iwieġbu għall-isfidi akuti u futuri tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 249
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-BĊE, filwaqt li jirrispetta l-indipendenza tiegħu, jindirizza l-fallimenti tas-suq u jiżgura l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi fuq perjodu ta' żmien twil, filwaqt li jibqa' kemm jista' jkun apolitiku, u jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità f'diversi okkażjonijiet; jenfasizza li tali deċiżjonijiet ma jridux isiru għad-detriment tal-ilhuq tal-objettiv primarju tal-BĊE;

Or. en

Emenda 250
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Iħeġġeġ lill-BĊE jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermetti fużjonijiet bankarji transfruntiera li, filwaqt li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja, jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq bankarju Ewropew;

Or. it

Emenda 251
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	***imħassar***

Or. en

Emenda 252
Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja ***n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil*** fil-klima ***u l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. Jissottolinja ***li t-tibdil*** fil-klima ***jaffettwa l-istabbiltà tal-prezzijiet u dik finanzjarja; jilqa' l-isforzi tal-BĊE biex jintegra r-riskji relatati mal-klima u ta' dipendenza mill-enerġija fl-operazzjonijiet monetarji tiegħu, fil-qafas tal-kollateral u fil-ġestjoni tal-portafoll, f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni, għall-kompetittività u għall-awtonomija strateġika***; ***iħeġġeġ lill-BĊE jkompli jsaħħaħ il-kapaċità analitika tiegħu biex jivvaluta l-implikazzjonijiet makroekonomiċi u tal-istabbiltà finanzjarja tax-xokkijiet tal-klima u tal-enerġija, filwaqt li jżomm approċċ ċara, immexxi mid-data u newtrali għas-suq;***

Or. en

Emenda 253
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent; ***jaqbel mal-President Lagarde***

li l-indirizzar tat-tibdil fil-klima huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-gvernijiet Ewropej u li l-BĊE jista' l-ewwel u qabel kollox jappoġġja l-politiki tal-UE dwar il-klima billi jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet, u b'hekk irawwem ambjent makroekonomiku stabbli li jistimula l-investimenti ekoloġiċi[1a];

1a

https://www.bis.org/review/r231204d.pdf

Or. en

Emenda 254
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil*** fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	22. ***Jirrimarka li l-ġlieda kontra t-tibdil*** fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent ***huma ta' importanza politika kbira, iżda li dawn il-kompiti jaqgħu primarjament taħt il-kompetenza ta' istituzzjonijiet politiċi leġittimizzati demokratikament***; ***jenfasizza li l-BĊE għandu jżomm newtralità politika fit-twettiq tal-mandat tiegħu u jiffoka fuq l-objettiv primarju tiegħu ta' stabbiltà fil-prezzijiet;***

Or. de

Emenda 255
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

22. ***Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar*** tat-tibdil fil-klima u ***l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. ***Jinnota l-evidenza xjentifika estensiva dwar l-impatt*** tat-tibdil fil-klima u ***tal-avvenimenti ta' temp estrem fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet; jenfasizza l-effetti diżinflazzjonarji ta' ċerti investimenti tat-tranżizzjoni tal-enerġija***; ***jistieden lill-BĊE jkompli jivvaluta l-impatt tad-diżastri naturali relatati mat-tibdil fil-klima fl-UE, bħal nirien, għargħar u qtugħ fis-sistema tal-elettriku, fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet tal-Istati Membri affettwati;***

Or. en

Emenda 256
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar*** tat-tibdil fil-klima ***u l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. ***Jirrikonoxxi li l-implikazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji*** tat-tibdil fil-klima ***jaffettwaw direttament il-kapaċità tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet u dik finanzjarja***; ***jappoġġja l-isforzi tal-BĊE li jintegra r-riskji relatati mal-klima fil-qafas analitiku u operazzjonali tiegħu f'konformità mal-mandat tiegħu;***

Or. en

Emenda 257
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. ***Jirrikonoxxi l-evidenza kbira ħafna tal-impatt tal-kriżi klimatika fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet u dik finanzjarja;***

jinnota li t-trawwim tal-varar ta' enerġiji rinnovabbli jkollu pressjoni deflazzjonarja*; *jistieden lill-BĊE jadatta l-qafas tal-politika monetarja tiegħu għall-emerġenza klimatika;

Or. en

Emenda 258
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja ***n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil*** fil-klima u ***l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. Jissottolinja ***l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tibdil*** fil-klima u ***jiġi protett l-ambjent***; ***jistieden lill-BĊE jkompli l-ħidma essenzjali tiegħu fuq it-testijiet tal-istress tar-riskju klimatiku żviluppati biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tal-banek u l-korporazzjonijiet fid-dawl tar-riskju tat-tranżizzjoni klimatika;***

Or. en

Emenda 259
Gerben-Jan Gerbrandy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja ***n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. Jissottolinja ***l-eżistenza bbażata fuq l-evidenza ta' riskji klimatiċi u relatati mat-temp u l-impatt tagħhom fuq l-inflazzjoni u l-istabbiltà tal-prezzijiet; jirrikonoxxi r-rwol tal-BĊE fl-aġġustament tal-qafas analitiku u tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu kif xieraq***;

Or. en

Emenda 260
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja ***n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil*** fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	22. Jissottolinja ***li t-tibdil*** fil-klima u ***d-degradazzjoni tan-natura jaffettwaw l-istabbiltà tal-prezzijiet u dik finanzjarja; ifakkar li*** l-protezzjoni ***u t-titjib*** tal-ambjent ***huma wieħed mill-objettivi ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 261
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent; ***ifakkar li l-BĊE ma għandux jieħu miżuri li jagħmlu ħsara lill-kompetittività taż-żona tal-euro f'isem politiki ekoloġiċi globali peress li l-BĊE għandu mandat biex jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet u ma għandux jipperikola dan il-mandat b'objettivi sekondarji; itenni li l-politiki ekoloġiċi għandhom jiġu ġestiti minn atturi oħra fl-UE, u d-deċiżjonijiet tal-BĊE ma għandhomx jinterferixxu mal-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku u l-effiċjenza tas-suq; jitlob li tiġi protetta l-kompetittività sabiex jiġi żgurat ambjent ekonomiku prosperu u ħieles;***

Or. es

Emenda 262
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent; ***jenfasizza li l-objettivi tal-politika ambjentali ma għandhomx jiġu implimentati minn għodod tal-politika monetarja;***

Or. en

Emenda 263
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;	22. Jissottolinja n-natura politika tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent; ***jisħaq li l-BĊE għandu joqgħod lura milli jintegra kunsiderazzjonijiet klimatiċi fil-politika monetarja tiegħu, peress li dan imur lil hinn mill-mandat tiegħu u jissogra li joħloq distorsjoni fl-allokazzjoni tal-kapital;***

Or. en

Emenda 264
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja ***n-natura politika tal-indirizzar*** tat-tibdil fil-klima ***u l-protezzjoni tal-ambjent***;	22. Jissottolinja ***li l-BĊE għandu jikkunsidra l-effetti*** tat-tibdil fil-klima ***biss minn perspettiva ekonomika u tal-istabbiltà tal-prezzijiet u fil-mandat tiegħu***;

Or. en

Emenda 265
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu f'kull ħin; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess;

Or. en

Emenda 266
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jargumenta li l-miżuri tal-BĊE maħsuba biex jippromwovu objettivi relatati mal-klima jew soċjali jistgħu jdgħajfu l-effiċjenza tas-suq u n-newtralità tal-politika monetarja, u jwasslu għal bżieżaq spekulattivi, speċjalment fis-swieq "ekoloġiċi";

Or. en

Emenda 267
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi sorsi ta' finanzjament diversifikati u kompetittivi għall-SMEs fl-Unjoni tas-Swieq Kapitali;

Or. en

Emenda 268
Gerben-Jan Gerbrandy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità;	23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju ***u sekondarju*** tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità; ***jinnota bi tħassib l-impatt negattiv tal-issikkar monetarju fuq ċerti investimenti strateġiċi; jistieden lill-BĊE jivvaluta l-impatt tat-tibdil tar-rati tal-imgħax fuq setturi ekonomiċi differenti, fosthom ditti intensivi fil-kapital u sensittivi għar-rati tal-imgħax; jistieden ukoll lill-BĊE janalizza l-impatt inflazzjonarju jew diżinflazzjonarju tal-investimenti f'teknoloġiji strateġiċi;***

Or. en

Emenda 269

Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità;	23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità; ***jissottolinja li l-valutazzjonijiet tal-proporzjonalità għandhom jirriflettu r-riskji finanzjarji relatati mal-klima u man-natura u jenfasizza li huwa u jsegwi l-mandat primarju tiegħu tal-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE jeħtieġlu jiżgura li dawn l-isforzi ma jmorrux sistematikament kontra l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-UE, bħas-sigurtà tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni;***

Or. en

Emenda 270
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità;	23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità; ***jisħaq li l-BĊE jeħtieġlu jsegwi l-mandat primarju tiegħu b'mod li ma jxekkilx l-ilħuq tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, inklużi s-sigurtà tal-enerġija u n-newtralità karbonika;***

Or. en

Emenda 271
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità;	23. Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità; ***jinsisti li l-BĊE jiżgura dejjem il-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu;***

Or. en

Emenda 272
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza li l-investimenti biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE huma essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni minn xokkijiet esterni u jimmitigaw ir-riskji min-naħa tal-provvista għall-istabbiltà tal-prezzijiet; jenfasizza r-rwol vitali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex jixprunaw il-konverġenza ekonomika u soċjali, l-impjiegi u l-implimentazzjoni b'suċċess tat-tranżizzjoni diġitali u dik klimatika;

Or. en

Emenda 273
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu;

Or. en

Emenda 274
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Ifakkar fir-rwol importanti tal-BĊE li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 275
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza li x-xenarju tal-pagamenti tal-UE huwa ddominat minn fornituri minn pajjiżi terzi; jinnota l-iżvilupp rapidu tal-istablecoins, b'mod partikolari tal-istablecoins appoġġjati minn dollari Amerikani; jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa r-riskji li dan l-iżvilupp jista' jimplika għas-sovranità monetarja tal-UE;

Or. en

Emenda 276
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jieħu nota tad-diskussjonijiet*** li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti;	24. ***Jilqa' d-diskussjonijiet*** li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa ***u l-progress tal-BĊE u l-prontezza biex jgħaddi għall-fażi li jmiss; jistieden lill-koleġiżlaturi jilħqu ftehim malajr***; jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti ***u jinnota li l-proposta tal-valuta legali għandha l-għan li tissalvagwardja r-rwol tal-flus kontanti billi tiżgura li dawn jibqgħu aċċettati b'mod wiesa' bħala mezz ta' pagament u faċilment aċċessibbli għan-nies***; ***jisħaq li l-euro diġitali jista' jikkontribwixxi biex jappoġġja r-rwol internazzjonali tal-euro;***

Or. en

Emenda 277
Vlad Vasile-Voiculescu, Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; ***jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti***;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; ***jissottolinja li kemm il-flus kontanti kif ukoll l-euro diġitali jeħtiġilhom jeżistu flimkien biex tiġi żgurata l-inklużjoni, il-privatezza u l-aċċess universali***; ***japprezza l-pożizzjoni proattiva u l-komunikazzjoni tal-BĊE dwar il-proġett tal-euro diġitali u jħeġġeġ djalogu kontinwu maċ-ċittadini, mal-***

partijiet ikkonċernati u mal-leġiżlaturi biex jissaħħu l-fiduċja u l-fehim tal-benefiċċji u l-implikazzjonijiet potenzjali tiegħu;

Or. en

Emenda 278
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti; ***jinnota l-isforzi proattivi tal-Parlament Ewropew biex jilħaq pożizzjoni komuni dwar l-euro diġitali sal-bidu tal-2026, li tirrifletti impenn kondiviż għall-avvanz tal-proġett; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE li jgħaddi għall-fażi li jmiss tal-proġett tal-euro diġitali;***

Or. en

Emenda 279
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jieħu nota tad-diskussjonijiet*** li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;	24. ***Jilqa' d-diskussjonijiet*** li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; ***jenfasizza li l-euro diġitali jista' jtejjeb l-inklużjoni***

finanzjarja, isaħħaħ il-pożizzjoni tan-negozjanti Ewropej fil-konfront ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament, u jtejjeb l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza fl-Ewropa; jisħaq fuq l-importanza ***li jiġi ppreżervat ir-rwol*** tal-flus kontanti;

Or. en

Emenda 280
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; ***jopponi bil-qawwa kwalunkwe introduzzjoni ta' munita diġitali tal-bank ċentrali li tista' ddgħajjef il-privatezza finanzjarja, tnaqqas ir-rwol tal-banek privati jew iżżid il-kontroll tal-Istat fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tać-ċittadini;*** jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;

Or. en

Emenda 281
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa ***bl-għan li jiġu ppreżervati l-awtonomija strateġika u s-***

sovranità monetarja tal-Ewropa billi titnaqqas id-dipendenza tal-UE minn fornituri tas-servizzi ta' pagament mhux Ewropej; jisħaq fuq l-importanza ***li jiġi ppreżervat ir-rwol*** tal-flus kontanti;

Or. en

Emenda 282
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti; ***ifakkar fil-pożizzjoni tan-newtralità tas-suq mill-BĊE fis-swieq finanzjarji, filwaqt li jiżgura kompetizzjoni ġusta u jrawwem l-innovazzjoni mis-settur privat;***

Or. en

Emenda 283
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti; ***jitlob approċċ kawt u trasparenti li jissalvagwardja l-privatezza u l-istabbiltà finanzjarja;***

Or. en

Emenda 284
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; jisħaq fuq l-importanza ***tar-rwol*** tal-flus kontanti;	24. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; ***jilqa' d-djalogu li għaddej bħalissa tal-BĊE mal-Parlament;*** jisħaq fuq l-importanza ***li jinżamm ir-rwol*** tal-flus kontanti;

Or. en

Emenda 285
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-euro*** diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa; ***jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti;***	24. ***Jilqa' l-ħidma li qed jagħmel bħalissa l-BĊE biex jipprepara għall-ħolqien tal-euro*** diġitali kemm għal finijiet ta' bejgħ bl-imnut kif ukoll għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa;

Or. en

Emenda 286
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-BĊE jindirizza l-aspettattivi u t-tħassib tal-pubbliku fir-rigward tal-euro diġitali, inklużi l-privatezza, is-sigurtà, il-faċilità ta' użu, l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà; jenfasizza l-ħtieġa ta' salvagwardji robusti biex tiġi protetta d-data tal-utenti u tiġi żgurata stabbiltà finanzjarja filwaqt li jitrawmu aċċettazzjoni u inklużività wiesgħa;

Or. en

Emenda 287
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Iqis li l-euro diġitali se jsir storja ta' suċċess biss jekk jipprovdi valur miżjud tanġibbli għaċ-ċittadini Ewropej, li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jifhmu; jinnota li, bħalissa, ħafna ċittadini Ewropej jew ma semgħux dwar il-proġett tal-euro diġitali jew għadhom xettiċi dwaru;

Or. en

Emenda 288
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jissuġġerixxi li l-BĊE għandu jqis il-benefiċċji ekonomiċi li ġejjin mis-sistema pubblika ta' pagamenti diġitali tal-Brażil, PIX, b'mod partikolari fir-

rigward tat-tnaqqis tal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u d-dipendenza minn fornituri tal-pagament tal-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 289
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Itenni li kwalunkwe deċiżjoni dwar l-euro diġitali hija marbuta mal-isfera politika; jissottolinja f'dan ir-rigward ir-rwol fundamentali tal-Parlament Ewropew f'kull evalwazzjoni ġenerali u dettaljata;

Or. it

Emenda 290
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Iħeġġeġ lill-BĊE jħaffef il-varar ta' Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali bl-ingrossa biex jiżdiedu l-effiċjenza tal-pagamenti transfruntiera u l-innovazzjoni fis-swieq finanzjarji globali;

Or. en

Emenda 291
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jilqa' l-proġetti DLT li għaddejjin bħalissa fuq medda qasira ta' żmien (Pontes) u medda twila ta' żmien (Appia) għas-saldu bl-ingrossa ta' flus tal-bank ċentrali ta' bejgħ;

Or. en

Emenda 292
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jistieden lill-BĊE jintensifika l-monitoraġġ tal-kriptovaluti, jindirizza r-riskji relatati maċ-ċibersigurtà, il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u attivitajiet illeċiti oħra marbuta mal-karatteristiċi tal-anonimità tal-kriptoassi; jenfasizza l-importanza li dawn l-isforzi jiġu integrati fil-qafas regolatorju tal-UE usa', biex tiġi żgurata sorveljanza effettiva u tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja;

Or. en

Emenda 293
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jappella biex kwalunkwe deċiżjoni biex jitnieda l-euro diġitali ma titteħidx

esklużivament mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE; jisħaq li din għandha tkun deċiżjoni kunsenswali mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, minħabba l-potenzjal profond ta' din id-deċiżjoni fuq il-politika finanzjarja, li jmur lil hinn mill-ambitu strett tal-politika monetarja;

Or. en

Emenda 294
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jissottolinja l-importanza tal-euro diġitali u l-ħtieġa ta' qafas leġiżlattiv ambizzjuż li jwassal soluzzjoni ta' pagament diġitali pubblika, sovrana u pan-Ewropea; jisħaq li l-vijabbiltà fit-tul tal-atturi Ewropej fl-industrija tal-pagament trid titqies bis-sħiħ fil-mudell ekonomiku tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 295
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jissottolinja li l-introduzzjoni tal-euro diġitali se tikkomplementa l-flus kontanti fiżiċi, li se jinżammu biex tiġi żgurata l-pluralità tal-mezzi ta' pagament, filwaqt li tiġi pprovduta l-aħjar garanzija ta' inklużjoni finanzjarja;

Or. it

Emenda 296
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Iqis li d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi introdott euro diġitali jew le hija fl-aħħar mill-aħħar deċiżjoni politika li trid tittieħed mil-leġiżlatur tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 297
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jissottolinja li limiti ta' depożitu adegwati huma essenzjali biex jippromwovu l-euro diġitali filwaqt li fl-istess ħin jillimitaw il-volumi tat-tranżazzjonijiet fi żminijiet u valuri assoluti ddeterminati minn qabel; jissottolinja l-importanza li l-euro diġitali ma żżidx ir-riskji ta' diżintermedjazzjoni bankarja;

Or. it

Emenda 298
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jilqa' lir-Repubblika tal-Bulgarija bħala l-21 membru taż-żona tal-euro, b'effett mill-1 ta' Jannar 2026; jistieden lill-BĊE jippromwovi l-benefiċċji tal-adozzjoni tal-euro bħala inċentiv biex Stati Membri oħra li mhumiex fiż-żona tal-euro iħaffu l-isforzi tagħhom għal adeżjoni futura;

Or. en

Emenda 299
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. L-istrateġija għall-istabbiliment u għall-ħruġ tal-euro diġitali ma għandhiex ixxekkel l-inċentivi għall-inizjattivi tas-settur privat tal-Ewropa biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet ta' pagament diġitali pan-Ewropej innovattivi u kompetittivi malajr kemm jista' jkun biex tiżdied is-sovranità tal-pagamenti;

Or. en

Emenda 300
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom

jibqgħu disponibbli f'kull ħin; jilqa', f'dak il-kuntest, il-proposta għal Regolament dwar il-valuta legali tal-flus kontanti tal-euro;

Or. en

Emenda 301
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-flus kontanti u jissottolinja l-"Pakkett ta' Munita Unika" tal-Kummissjoni, li jinkludi proposta dwar il-valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, li turi l-impenn tal-koleġiżlaturi u tal-BĊE għall-futur tal-flus kontanti;

Or. en

Emenda 302
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***jakkomoda*** r-rwol internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;	25. ***Jinnota l-approċċ proattiv tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti fl-appoġġ għall-iżvilupp tal-istablecoins, li huma denominati l-aktar f'dollaru Amerikan; iqis li dan l-iżvilupp jista' jikkontribwixxi biex tinżamm id-dominanza tad-dollaru;*** jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***jiżviluppa*** r-rwol internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti; ***jenfasizza li integrazzjoni aktar profonda***

	tas-swieq kapitali tal-UE, provvista abbundanti ta' assi sikuri tal-UE u integrazzjoni akbar tar-rappreżentanza taż-żona tal-euro fil-FMI huma prerekwiżit għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro;

Or. en

Emenda 303
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex jakkomoda r-rwol internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;	25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex jakkomoda r-rwol internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti; ***jisħaq li l-BĊE għandu jqis ukoll l-iżvantaġġi potenzjali li jirriżultaw minn rwol internazzjonali aktar b'saħħtu tal-euro u r-rwol tal-munita ta' riżerva globali, inkluża sopravalutazzjoni potenzjali;***

Or. en

Emenda 304
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. ***Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu*** biex jakkomoda r-rwol internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;	25. ***Jifhem ir-raġunament tal-isforzi tal-BĊE*** biex jakkomoda r-rwol internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti; ***jappella, madankollu, għal kawtela fl-insegwiment ta' strateġija ta' internazzjonalizzazzjoni***

estiża li tista' tesponi l-euro għal volatilità u ddgħajjef il-kapaċità ta' akkwist interna tiegħu;

Or. en

Emenda 305
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***jakkomoda r-rwol*** internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;	25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***isaħħaħ ir-rwol*** internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti; ***jilqa' l-impenn qawwi tal-BĊE li jżid ir-rwol internazzjonali tal-Euro, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' SIU u t-tlestija tas-Suq Uniku;***

Or. en

Emenda 306
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***jakkomoda r-rwol*** internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;	25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***isaħħaħ ir-rwol*** internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;

Or. en

Emenda 307
Vlad Vasile-Voiculescu, Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***jakkomoda r-rwol*** internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;	25. Jappoġġja lill-BĊE fl-isforzi tiegħu biex ***isaħħaħ ir-rwol*** internazzjonali tal-euro, fost l-oħrajn, permezz ta' skambju ta' muniti u linji ta' riakkwist suffiċjenti;

Or. en

Emenda 308
Rada Laykova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jindika r-riallinjament ġeopolitiku u monetarju dinji li għaddej bħalissa b'implikazzjonijiet potenzjalment serji għad-domanda internazzjonali għad-Dollaru u għall-Euro u jenfasizza li l-Istati Uniti se jfittxu mezzi akbar biex jissalvagwardjaw id-Dollaru billi jżidu d-domanda tiegħu permezz ta' diversi mezzi, anke għad-detriment tal-Euro; jinnota l-istrateġija tal-kummerċ dejjem aktar offensiva tal-Istati Uniti għall-esportazzjoni tal-merkanzija, inkluż it-tagħmir militari, lejn iż-żona tal-euro;

Or. en

Emenda 309
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

25a. Jesprimi tħassib dwar l-indisponibbiltà temporanja tas-sistema ta' saldu gross f'ħin reali tal-BĊE T2 u T2S fi Frar 20205; jilqa' l-impenn mill-President tal-BĊE li jinvestiga l-inċident flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali responsabbli flimkien mas-sħab privati[1a]; jinsab ħerqan li jirċievi r-rapport ta' dik l-investigazzjoni;

[1a] ara d-***dikjarazzjonijiet magħmula mill-President tal-BĊE matul id-Djalogu Monetarju tal-20 ta' Marzu 2025.***

Or. en

Emenda 310
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Japprezza l-fehma tal-President Lagarde li, f'nofs l-isfidi internazzjonali attwali, hemm opportunità unika biex ir-rwol tal-euro jissaħħaħ bħala "ankra globali ta' fiduċja"; jaqbel li dan jirrikjedi li l-UE twettaq riformi kuraġġużi, inkluż l-aċċelerazzjoni tal-integrazzjoni ekonomika, it-tlestija tal-Unjoni tas-Suq Uniku u Bankarja, u l-insegwiment ta' ftehimiet kummerċjali ġodda;

Or. en

Emenda 311
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Huwa tal-fehma li l-isforzi biex jinħoloq mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika u provvista adegwata ta' assi sikur Ewropew huma rilevanti għat-tisħiħ tar-rwol tal-euro bħala munita internazzjonali;

Or. en

Emenda 312
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jistieden lill-BĊE jkompli jesplora modi kif isaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro; jinnota li t-tisħiħ tal-attraenza tal-euro bħala munita ta' riżerva u globali se jżid l-attraenza dinji tiegħu; jisħaq li l-ħolqien ta' assi Ewropew sikur imfassal tajjeb jista' jappoġġja l-integrazzjoni finanzjarja u jimmitiga ċ-ċrieki vizzjużi bejn is-setturi bankarji sovrani u domestiċi; jissottolinja li t-tisħiħ tar-rwol tal-euro jirrikjedi l-approfondiment u t-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja flimkien ma' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti msaħħa;

Or. en

Emenda 313
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jistieden lill-BĊE jinkludi fir-Rapport Annwali tiegħu analiżi tal-istablecoins, filwaqt li jiffoka fuq l-impatt tagħhom fuq is-sovranità monetarja, l-istabbiltà finanzjarja u s-sistemi ta' pagament; l-analiżi għandha tindirizza l-lakuni regolatorji bħal-lakuna ta' ħruġ multiplu tal-MiCA u tivvaluta l-effettività tal-oqfsa ta' ekwivalenza u s-salvagwardji transfruntiera; għandha tenfasizza wkoll l-importanza tal-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' saldi diġitali denominati bl-euro biex titnaqqas id-dipendenza minn infrastruttura ta' pagamenti mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 314
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;	***imħassar***

Or. en

Emenda 315
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-	***imħassar***

telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

Or. en

Emenda 316
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf*** konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;	26. ***Jinnota li t-telf*** konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 ***huwa*** minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax; ***jirrikonoxxi li dan it-telf fil-biċċa l-kbira jirriżulta minn livell għoli ta' imgħax imħallas fuq riżervi li qabżu d-dħul mill-imgħax riċevut mill-assi, b'mod partikolari l-bonds tal-gvern; jesprimi dispjaċir għall-fatt li dan it-telf primarjament ibbenefika lill-banek kummerċjali mingħajr kundizzjonalità; ifakkar li eżempji storiċi juru li t-telf tal-banek ċentrali mhuwiex rari u li dan it-telf ma għandu l-ebda impatt fuq kif il-BĊE jopera l-politika monetarja tiegħu; jikkunsidra li t-telf tal-BĊE mhuwiex intrinsikament negattiv jekk ikun meħtieġ biex jissodisfa l-mandati primarji u sekondarji tiegħu; jistieden lill-BĊE jżid it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini tat-telf tiegħu, inkluż permezz ta' rapportar regolari lill-Parlament Ewropew;***

Or. en

Emenda 317
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;	26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax; ***jistieden lill-BĊE jiżgura li kwalunkwe telf futur jiġi spjegat b'mod trasparenti u ma jdgħajjifx il-fiduċja pubblika fis-sistema tal-Euro; jisħaq li bafers kapitali b'saħħithom huma kruċjali għall-kredibbiltà tal-BĊE u l-indipendenza operazzjonali;***

Or. en

Emenda 318
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;	26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax; ***jinnota li dan it-telf ma kkompromettiex il-kapaċità operazzjonali tas-sistema tal-Euro biex timplimenta l-politika monetarja tagħha; josserva wkoll li tali telf ma kellu l-ebda effett evidenti fuq l-aspettattivi tal-inflazzjoni;***

Or. en

Emenda 319
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

26. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;	26. Jesprimi t-tħassib ***profond*** tiegħu dwar it-telf konsekuttiv li għamel il-BĊE fl-2023 u l-2024 minħabba r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax; ***jinnota li dan it-telf huwa konsegwenza diretta ta' snin ta' espansjoni eċċessiva tal-karta tal-bilanċ u xiri ta' assi bi prezz ħażin;***

Or. en

Emenda 320
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jinnota li l-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni (TPI) jibqa' element importanti tas-sett ta' għodod għall-kriżijiet tal-BĊE iżda li l-kriterji ta' attivazzjoni, l-iskala u l-kundizzjonalità tiegħu mhumiex speċifikati pubblikament; jistieden lill-BĊE jtejjeb it-trasparenza rigward il-qafas operazzjonali tat-TPI biex jiżgura l-kredibbiltà u l-konsistenza mal-prinċipju tal-proporzjonalità;

Or. en

Emenda 321
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jinnota l-istabbiliment tal-Istrument għall-Protezzjoni tat-Trażmissjoni (TPI) f'Lulju 2022; jistieden lill-BĊE juża r-reġim tax-xiri ta' assi meta kun meħtieġ fl-ambitu ta' programm usa' mfassal biex jagħmel l-istabbiltà

monetarja konsistenti fiż-żona tal-euro kollha;

Or. it

Emenda 322
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-BĊE jerfa' r-responsabbiltà għall-konsegwenzi finanzjarji tal-politiki monetarji estremament laxki li kellu fil-passat u jadotta approċċ aktar prudenti u bbażat fuq ir-regoli fil-futur;

Or. en

Emenda 323
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jappoġġja r-rwol tal-BĊE fil-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku ***u l-funzjoni tal-BĊE bħala sellief tal-aħħar istanza għal istituzzjonijiet solventi***, kontra kollateral tajjeb u b'rati ta' penali, biex ***jiġu ssalvagwardjati l-likwidità u l-fiduċja matul il-kriżijiet***;	27. Jappoġġja r-rwol tal-BĊE fil-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku***, iżda jisħaq li kwalunkwe intervent għandu jsir biss fi kriżijiet ġenwini li jseħħu f'diversi Stati Membri ewlenin fl-istess ħin***, kontra kollateral tajjeb u b'rati ta' penali ***għolja biżżejjed***, biex ***jiġi evitat periklu morali u tinżamm id-dixxiplina tas-suq***;

Or. en

Emenda 324
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jappoġġja r-rwol tal-BĊE fil-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku u l-funzjoni tal-BĊE bħala sellief tal-aħħar istanza ***għal istituzzjonijiet solventi, kontra kollateral tajjeb u b'rati ta' penali, biex jiġu ssalvagwardjati*** l-likwidità u l-fiduċja matul il-kriżijiet;	27. Jappoġġja r-rwol tal-BĊE fil-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku u l-funzjoni tal-BĊE bħala sellief tal-aħħar istanza***, li jissalvagwardja*** l-likwidità u l-fiduċja matul il-kriżijiet;

Or. en

Emenda 325
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jinnota li l-istrateġija tal-2025 tal-BĊE affermat mill-ġdid il-ħtieġa ta' rivalutazzjoni regolari tal-qafas tal-politika monetarja, bir-rieżami komprensiv li jmiss skedat għall-2030; iħeġġeġ lill-BĊE jżomm djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew matul dan il-proċess kollu biex jiġu żgurati obbligu ta' rendikont u fehim reċiproku;

Or. en

Emenda 326
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jilqa' l-appoġġ tal-BĊE għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja; iħeġġeġ lill-BĊE jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jippermetti fużjonijiet bankarji transfruntiera li, filwaqt li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja, jgħinu l-integrazzjoni tas-suq bankarju Ewropew;

Or. en

Emenda 327
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Ifakkar li l-istabbiliment ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) kompluta huwa prerekwiżit għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u l-Unjoni Monetarja Ekonomika;

Or. en

Emenda 328
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jargumenta li l-ħatriet tal-BĊE jridu jirrispondu esklużivament għal proċessi bbażati fuq kriterji ta' mertu u kapaċità;

Or. es

Emenda 329
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu*** tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni;	28. ***Jieħu nota*** tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni; ***jenfasizza li s-simplifikazzjoni ma għandhiex twassal għal deregolamentazzjoni u thedded l-istabbiltà finanzjarja permezz tal-akkumulazzjoni ta' riskji mhux ikkunsidrati;***

Or. en

Emenda 330
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu tat-Task Force ***ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni***;	28. ***Jilqa' l-istabbiliment tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni, li għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tissimplifika l-qafas regolatorju, inkluża l-istruttura tal-kapital u l-implimentazzjoni ta' Basel II u s-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' rapportar u superviżorji biex jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet u l-ineffiċjenzi;*** jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu ***tal-ħidma*** tat-Task Force;

Or. en

Emenda 331
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu*** tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni;	28. ***Jieħu nota*** tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni; ***jisħaq li s-simplifikazzjoni ma għandiex tiġi għad-detriment tal-kapaċità tal-BĊE li jaġixxi fuq l-obbligi tiegħu; jilqa' l-konklużjoni tad-dokument ta' ħidma tal-BĊE bit-titolu "Capital requirements: a pillar or a burden for bank competitiveness?" (Rekwiżiti ta' kapital: pilastru jew piż għall-kompetittività bankarja?) li proporzjonijiet tal-kapital b'saħħithom huma element tal-kompetittività tal-banek;***

Or. en

Emenda 332
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni;	28. Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni; ***jappella għal simplifikazzjoni ambizzjuża iżda mhux deregolatorja li ssaħħaħ iċ-ċarezza u l-effettività tar-regoli mingħajr ma tbaxxi l-istandards prudenzjali, speċjalment fid-dawl ta' rabtiet li qed jikbru ma' istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek;***

Or. en

Emenda 333
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma ***u s-segwitu*** tat-Task Force ***ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni***;	28. ***Jilqa' l-impenn tal-BĊE għall-isforzi ta' simplifikazzjoni bil-ħolqien tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni,*** jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma ***biex jitwasslu riżultati konkreti; jilqa' d-diskussjonijiet profondi tal-BĊE mal-Parlament dwar il-ħidma*** tat-Task Force;

Or. en

Emenda 334
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni;	28. Jindika l-ħtieġa ta' livell għoli ta' ambizzjoni fil-ħidma u s-segwitu tat-Task Force ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar is-Simplifikazzjoni; ***jisħaq li t-Task Force għandha tagħti prijorità lill-evalwazzjoni ta' modi kif jitnaqqsu l-attivitajiet mhux monetarji tal-BĊE u terġa' tiġi stabbilita interpretazzjoni bbażata fuq ir-regoli tal-mandat tagħha;***

Or. en

Emenda 335
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jindika li hemm urġenza li jitlestew l-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investiment u l-Unjoni Bankarja bl-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) biex tiżdied ir-reżiljenza tas-settur bankarju tagħna u tittejjeb il-kompetittività taż-żona tal-euro; itenni l-ħtieġa li jiġu eliminati l-ostakli burokratiċi li jxekklu l-investimenti transfruntiera fl-UE, kif ukoll li jittaffa l-piż fiskali fuq il-kumpaniji, li jiġu ssimplifikati l-oqfsa legali biex jiġi attirat il-kapital, li jitħeġġeġ id-dħul tal-SMEs fis-swieq finanzjarji u li jitrawwem il-litteriżmu finanzjarju fost iċ-ċittadini biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-investimenti; ifakkar li hija meħtieġa rieda politika biex tiġi avvanzata t-tlestija tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investiment;

Or. es

Emenda 336
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jenfasizza l-importanza li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju fl-UE biex tissaħħaħ it-trażmissjoni effettiva tal-politika monetarja; jilqa' l-inizjattivi tal-BĊE, inkluż in-Network Ewropew tal-Litteriżmu Finanzjarju, u l-kontributi tiegħu għall-Istrateġija tal-Litteriżmu Finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea; jistieden lill-BĊE jespandi l-isforzi tiegħu f'dan il-qasam u jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Parlament Ewropew

biex jiżviluppa proposti li għandhom l-għan li jsaħħu l-litteriżmu finanzjarju, speċjalment fost il-gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 337
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Ľudovít Ódor, Vlad Vasile-Voiculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Iqis li l-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit għal politika monetarja effettiva u sistema finanzjarja reżiljenti; jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas ta' Basel III u l-implimentazzjoni tiegħu; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat il-bilanċ ġust bejn l-istabbiltà finanzjarja, ir-rispett tal-oqfsa internazzjonali u livell ekwu internazzjonali biex jiġi żgurat li l-banek Ewropej huma kapaċi jikkompetu bl-istess mod ma' banek minn ġuriżdizzjonijiet oħra;

Or. en

Emenda 338
Bas Eickhout
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li żewġ membri biss tal-Bord Eżekuttiv u tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE huma nisa; itenni li n-nomini għall-Bord Eżekuttiv għandhom ikunu bbilanċjati bejn il-ġeneri, b'listi mqassra ppreżentati lill-Parlament; iħeġġeġ lill-Istati Membri taż-

żona tal-euro jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċeduri tal-ħatra tagħhom, biex il-ġeneri jkollhom opportunitajiet indaqs li jservu bħala gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali rispettiv tagħhom;

Or. en

Emenda 339
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lill-BĊE jrawwem djalogu miftuħ u kostruttiv, inkluż id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-persunal fil-BĊE, u jtenni li d-dritt tax-xogħol għandu jiġi rrispettat sal-ogħla standard, filwaqt li jiġu żgurati l-benesseri u l-protezzjoni tal-persunal tiegħu;

Or. en

Emenda 340
Markus Ferber, Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Iħeġġeġ lill-BĊE jfittex ukoll is-simplifikazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità f'oqsma oħra u jnaqqas il-piżijiet fuq il-kumpaniji soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar statistiku tiegħu kull meta possibbli;

Or. en

Emenda 341
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jappella għal dibattitu pubbliku usa' dwar il-futur tal-euro, inkluża l-kwistjoni ta' jekk iċ-ċentralizzazzjoni monetarja pproduċietx il-benefiċċji maħsuba għall-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 342
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jittama li l-BĊE jikkollabora dejjem aktar mal-istituzzjonijiet Ewropej, mal-awtoritajiet nazzjonali u mas-soċjetà ċivili biex jippromwovi l-litteriżmu finanzjarju;

Or. it

Emenda 343
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jesprimi tħassib serju dwar il-kwistjonijiet tal-persunal fil-BĊE, inkluż il-favoritiżmu, l-intimidazzjoni u l-iskuntentizza fost il-persunal bit-tmexxija

tal-BĊE; jesprimi tħassib serju li skont il-BĊE, li l-persunal jesprimi l-iskuntentizza tiegħu dwar il-prattiki fuq il-post tax-xogħol tikkonsisti fi ksur tad-dmir ta' lealtà; ifakkar li r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2019/126 dwar l-istatus tal-impjegati taċ-ċivil tal-UE jipproteġi l-libertà tal-espressjoni (l-Artikolu 12a) u li l-kritika tal-kundizzjonijiet ta' ġestjoni jew tax-xogħol hija protetta skont din il-libertà, dment li ma jkun hemm l-ebda ksur tal-lealtà, li tirreferi biss għall-iżvelar ta' dokumenti kklassifikati jew attakki inġusti fuq l-istituzzjoni, u tipproteġi l-iżvelar ta' informazzjoni protetta (l-Artikolu 22b), li jistipula li l-uffiċjali tal-UE jistgħu jirrapportaw għemil ħażin (jiġifieri korruzzjoni, ġestjoni ħażina, kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sikuri, diskriminazzjoni) mingħajr ritaljazzjoni; jemmen li d-drittijiet protetti skont ir-Regolament 2019/126 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-persunal tal-BĊE;

Or. en

Emenda 344
Carla Tavares, Thomas Bajada, Evelyn Regner, Jonás Fernández, César Luena, Aurore Lalucq, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jinnota bi tħassib ir-rapporti reċenti u l-kawża tal-qorti li għaddejja bħalissa li tinvolvi l-union tal-persunal tal-BĊE u allegazzjonijiet ta' tentattiv biex tiġi ristretta l-komunikazzjoni tar-rappreżentanti tal-persunal; jistieden lill-BĊE jiċċara s-sitwazzjoni minnufih u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura ambjent tax-xogħol trasparenti, ġust u sikur; iħeġġeġ it-tishih tal-oqfsa interni tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta u tar-

rappreżentanza tal-persunal tal-BĊE biex jissaħħu l-integrità u l-fiduċja istituzzjonali;

Or. en

Emenda 345
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jistieden lill-BĊE jkompli jsaħħaħ id-djalogi tiegħu mal-parlamenti nazzjonali; jemmen li dan isaħħaħ il-leġittimità u l-politiki tal-BĊE;

Or. it